# Rekwiżiti għan-notifiki tal-SCIP

Ottubru 2020

**Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà**

Dan id-dokument għandu l-għan li jgħin lill-utenti biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 9(1)(i) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart 2008/98/KE (WFD). Madankollu, l-utenti huma mfakkra li t-test tad-WFD huwa l-uniku referenza legali awtentika u li l-informazzjoni f'dan id-dokument ma tikkostitwixix parir legali. L-użu tal-informazzjoni jibqa' taħt ir-responsabbiltà unika tal-utent. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li s-sors jiġi rikonoxxut.

| Verżjoni | Tibdil | |
|---|---|---|
| 1.0 | L-ewwel edizzjoni.<br>*(Dan jissostitwixxi d-dokument "Rekwiżiti ta' informazzjoni dettaljati għall-bażi ta' data tal-SCIP" ta' Settembru 2019)* | Ottubru 2020 |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

**Rekwiżiti għan-notifiki tal-SCIP**

**Referenza:** ECHA-20-H-16-MT
**ISBN:** 978-92-9481-696-2
**Nru tal-Kategorija:** ED-02-20-715-MT-N
**DOI:** 10.2823/686692
**Data tal-pubblikazzjoni:** Ottubru 2020
**Lingwa:** MT

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2020
Paġna ta' quddiem © L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew kummenti relatati ma' dan id-dokument, jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola ta' talba għal informazzjoni. Tista' taċċessa l-formola ta' talba għal informazzjoni permezz tal-paġna Ikkuntattja lill-ECHA fuq:
https://echa.europa.eu/mt/contact

**European Chemicals Agency**

P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, Finland

# Werrej

**1. INTRODUZZJONI ..... 5**

1.1 Sfond ..... 5
1.2 Liema fornituri ta' oġġetti jridu jissottomettu notifika tal-SCIP lill-ECHA? ..... 6
1.3 Liema oġġetti u sustanzi jinsabu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dmir ta' notifika tal-SCIP? 7
1.4 Skedi ta' żmien ..... 8
1.5 Il-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar sustanzi f'oġġetti skont REACH u n-notifika tal-SCIP ..... 9

**2. REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI ..... 11**

2.1 Rekwiżiti komuni kemm għal oġġetti fihom infushom kif ukoll għal oġġetti kumplessi ..... 14

2.1.1 Identifikaturi u kategorizzazzjoni ..... 15

2.1.1.1 Isem l-oġġett ..... 16
2.1.1.2 Isem ieħor/ismijiet oħra ..... 17
2.1.1.3 Identifikatur primarju tal-oġġett ..... 17
2.1.1.4 Identifikatur(i) ieħor/oħra tal-oġġett ..... 17
2.1.1.5 Kategorija tal-oġġett ..... 18
2.1.1.6 Produzzjoni fl-Unjoni Ewropea ..... 19

2.1.2 Karatteristiċi u stampa/stampi ..... 19
2.1.3 Struzzjonijiet għall-użu sikur ..... 20

2.2 Rekwiżiti addizzjonali għal oġġetti kumplessi biss ..... 23

2.2.1 Komponent(i) ta' oġġett(i) kumpless(i) ..... 23

2.3 Rekwiżiti addizzjonali għal oġġetti fihom infushom biss ..... 28

2.3.1 Elementi ta' tħassib ..... 28

2.3.1.1 Sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati ..... 31
2.3.1.2 Firxa tal-konċentrazzjoni ..... 31
2.3.1.3 Kategoriji tal-materjal jew tat-taħlit ..... 32

2.4 Aġġornament regolari tal-informazzjoni sottomessa lill-bażi ta' *data* tal-SCIP ..... 33

2.4.1 Aġġornament volontarju meta sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati preżenti f'oġġett tkun ġiet sostitwita minn alternattiva aktar sikura ..... 34

**3. SOLUZZJONIJIET RAKKOMANDATI GĦAL-LIVELL TA' RAPPURTAR FIN-NOTIFIKI TAL-SCIP: "*RAGGRUPPAMENT*" U "*ĠERARKIJA*" ..... 35**

3.1 Kriterji għar-"raggruppament" ta' oġġett jew oġġetti kumplessi identiċi jew kważi identiċi f'notifika tal-SCIP ..... 38

3.1.1 Kriterji għar-"raggruppament" ta' oġġetti *kompletament identiċi* ..... 39
3.1.2 Kriterji għar-"raggruppament" ta' oġġetti *kważi identiċi* ..... 39
3.1.3 Kriterji għar-"raggruppament" ta' oġġetti kumplessi *kważi identiċi* ..... 41
3.1.4 L-approċċi rrakkomandati mill-ECHA: ir-"raggruppament" ta' oġġetti *kompletament* identiċi, oġġetti *kważi identiċi* u oġġetti kumplessi *kważi identiċi* f'notifika tal-SCIP ..... 45
3.1.5 Responsabbiltajiet tal-Istati Membri: traspożizzjoni tal-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD u infurzar ..... 47

3.2 Kemm-il saff ta' komponenti u sottokomponenti f'oġġett kumpless irid jiġi rrappurtat f'notifika tal-SCIP ("*ġerarkija*")? ..... 47

**APPENDIX 1. KATEGORIJI TA' MATERJALI FL-SCIP ..... 50**

A1-1. Introduzzjoni ..... 50
A1-2. Kategoriji globali ta' materjali u sottokategoriji ..... 51

A1-3. Karatteristiċi addizzjonali tal-materjal rigward il-materjal li oġġett ikun magħmul minnu ....52
A1-4. Listi ta’ kategoriji ta’ materjali u karatteristiċi addizzjonali tal-materjal inklużi fil-format tal-SCIP ....52

**APPENDIX 2. L-APPROĊĊ TA’ OĠĠETT RAPPREŻENTATTIV GĦAL “RAGGRUPPAMENT” TA’ OĠĠETTI ESTREMAMENT KUMPLESSI .... 53**

# Werrej tal-Figuri

Figura 1: Rota bħala eżempju ta’ oġġett kumpless magħmul minn ħafna oġġetti fihom infushom .... 12

Figura 2: L-għoti ta’ informazzjoni meta tkun qed titħejja notifika tal-SCIP .... 14

Figura 3: Eżempju ta’ kif ir-rekwiżiti ta’ informazzjoni jiġu organizzati u strutturati f’notifika tal-SCIP għal rota mqiegħda fis-suq tal-UE minn montatur jew importatur. .... 25

Figura 4: Eżempju ta’ kif l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont ir-rekwiżit fl-ewwel ringiela tat-Tabella 5 tiġi mbejta fin-notifika tal-SCIP tar-rota (ipotetika). .... 27

Figura 5: Eżempju tal-potenzjal ta’ kamp ta’ applikazzjoni wiesa’ ħafna tad-dmir ta’ notifika tal-SCIP. .. 35

Figura 6: Eżempju tas-saffi ta’ mmuntar possibbli meħtieġa biex jiġi identifikat O-ring (oġġett fih innifsu) li jinkludi sustanza fuq il-Lista ta’ Kandidati (> 0.1 % w/w) f’pompa tal-ilma inkorporata f’magna ta’ vettura tal-passiġġieri. .... 37

Figura 7: Rappreżentazzjoni tal-kumplessità fost tipi differenti ta’ oġġetti kumplessi. .... 37

Figura 8: Oġġetti *kompletament identiċi*: viti b’raġġ taħt ir-ras, tul nominali, tul tal-kamin, u ras iddefiniti skont standards stabbiliti .... 39

Figura 9: Rappreżentazzjoni tal-approċċ irrakkomandat għall-istabbiliment tal-“ġerarkija” f’notifika tal-SCIP (l-eżempju tar-rota li jidher fil-Figura 3) .... 49

# Werrej tat-Tabelli

Tabella 1: Sommarju tal-obbligi ta’ komunikazzjoni ta’ informazzjoni dwar sustanzi f’oġġetti, skont REACH, u tan-notifika tal-SCIP .... 9

Tabella 2: Identifikaturi u karatterizzazzjoni.... 15

Tabella 3: Karatteristiċi u stampa/stampi .... 20

Tabella 4: Struzzjoni(jiet) għall-użu sikur u struzzjoni(jiet) ta’ żmantellar .... 21

Tabella 5: Komponent(i) ta’ oġġett(i) kumpless(i) (għal oġġetti kumplessi biss) .... 23

Tabella 6: Elementi ta’ tħassib (esklużivament għal oġġetti li jinkludu sustanza fuq il-Lista ta’ Kandidati f’konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w) .... 28

Tabella 7: Sustanza fuq il-Lista ta’ Kandidati li ma għadhiex preżenti .... 34

# 1. Introduzzjoni

## 1.1 Sfond

Il-bażi ta' *data* tal-SCIP hija l-bażi ta' *data* għal informazzjoni dwar **S**ustanzi ta' **T**ħassib **F'** oġġetti, fihom infushom jew f'oġġetti kumplessi (**P**rodotti) li ġiet stabbilita skont id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD).[1] Mill-5 ta' Jannar 2021, kull fornitur ta' oġġett li jkun jinkludi sustanza ta' tħassib serju ħafna (SVHC) fuq il-Lista ta' Kandidati għall-Awtorizzazzjoni[2], f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % ta' piż skont il-piż (w/w) fis-suq tal-UE, huwa meħtieġ jissottometti informazzjoni dwar dak l-oġġett lill-ECHA.[3] Il-bażi ta' *data* tal-SCIP tiżgura li l-informazzjoni dwar oġġetti li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati[4] tkun disponibbli matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-prodotti u l-materjali, inkluż fl-istadju tal-iskart. Imbagħad, l-informazzjoni fil-bażi ta' *data* min-notifiki tal-SCIP sottomessi titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-operaturi tal-iskart u l-konsumaturi.

Il-bażi ta' *data* tal-SCIP għandha tliet objettivi prinċipali:

1. Tnaqqas il-ġenerazzjoni ta' skart li jinkludi sustanzi perikolużi billi tiġi appoġġata s-sostituzzjoni ta' sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati f'oġġetti mqiegħda fis-suq tal-UE.
2. Tagħmel disponibbli informazzjoni biex ikomplu jitjiebu l-operazzjonijiet tat-trattament tal-iskart.
3. Tippermetti li l-awtoritajiet jimmonitorjaw l-użu ta' sustanzi ta' tħassib fl-oġġetti u li jagħtu bidu għal azzjonijiet xierqa tul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-oġġetti, inkluż fl-istadju tal-iskart tagħhom.

Ir-Regolament REACH diġà jeħtieġ li l-fornituri ta' oġġetti li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w jikkomunikaw 'l isfel fil-katina ta' provvista u lill-konsumaturi, fuq talba tagħhom, biżżejjed informazzjoni biex ikun possibbli użu sikur minn dawk l-oġġetti.[5] Madankollu, din l-informazzjoni ma tilħaqx lill-operaturi tal-iskart fl-istadju tal-iskart ladarba dawk l-oġġetti jsiru skart fi tmiem il-ħajja operattiva tagħhom. Il-bażi ta' *data* tal-SCIP tiżgura li l-istess informazzjoni disponibbli fil-ktajjen ta' provvista tkun disponibbli wkoll għall-operaturi tal-iskart, biex tappoġġa lis-settur tal-iskart fit-titjib tal-prattiki attwali ta' mmaniġġjar tal-iskart u biex trawwem l-użu tal-iskart bħala riżorsa. Għalhekk, in-notifika tal-

[1] L-Artikolu 9(2) tad-WFD jistipula li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għandha tistabbilixxi bażi ta' *data* għad-*data* li għandha tiġi sottomessa lilha skont il-punt (i) tal-paragrafu 1 sal-5 ta' Jannar 2020, u għandha żżommha u tipprovdi aċċess għal dik il-bażi ta' *data* lill-operaturi tat-trattament tal-iskart u lill-konsumaturi, fuq talba tagħhom.

[2] Ippubblikata fuq is-sit web tal-ECHA f'konformità mal-Artikolu 59(10) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (ir-Regolament REACH).

[3] L-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD jeħtieġ li mill-5 ta' Jannar 2021, kwalunkwe fornitur ta' oġġett, kif iddefinit fl-Artikolu 3(33) tar-Regolament REACH, jipprovdi lill-ECHA l-informazzjoni skont l-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament.

[4] Sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati tfisser sustanza ta' tħassib serju ħafna (SVHC) fuq il-Lista ta' Kandidati għall-Awtorizzazzjoni.

[5] L-Artikolu 33 ta' REACH jistipula li kull fornitur ta' oġġett li jinkludi sustanza ta' tħassib serju ħafna fuq il-Lista ta' Kandidati f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % ta' piż skont il-piż (w/w), għandu jipprovdi lir-riċevitur tal-oġġett (il-paragrafu 1) u lill-konsumaturi fuq talba (il-paragrafu 2) b'biżżejjed informazzjoni disponibbli għall-fornitur, biex ikun possibbli użu sikur mill-oġġett inkluż, bħala minimu, bl-isem ta' dik is-sustanza.

SCIP tikkomplementa kif xieraq ir-rekwiżiti eżistenti ta' komunikazzjoni[6] u notifika[7] għas-sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati f'oġġetti, skont REACH, u ma tissostitwixxihomx[8]. Dawn ir-rekwiżiti ta' REACH huma spjegati u jidhru fil-Gwida dwar ir-rekwiżiti għas-sustanzi fl-oġġetti (il-Gwida SiA). Din tagħti wkoll parir dwar it-teħid ta' deċiżjoni dwar x'inhu oġġett skont REACH[9], kif ukoll dwar kif għandha tiġi ddeterminata l-konċentrazzjoni ta' sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati.

Il-bażi ta' *data* tal-SCIP hija mfassla bl-għan doppju li tiġbor l-informazzjoni meħtieġa u li din l-informazzjoni tkun strutturata u tista' tiġi mfittxa, sabiex ikun possibbli aċċess u użu ottimizzat primarjament mill-operaturi tal-iskart u l-konsumaturi, kif ukoll minn atturi fil-katina ta' provvista, minn NGOs u mill-awtoritajiet.
Fl-ambitu tal-kompitu mogħti lill-ECHA mid-WFD biex tiżviluppa u timplimenta l-bażi ta' *data* tal-SCIP, l-ECHA speċifikat ir-rekwiżiti ta' informazzjoni f'aktar dettall u l-format tal-SCIP biex il-fornituri ta' oġġetti jissottomettu n-notifiki tal-SCIP lill-ECHA. B'mod partikolari, dan id-dokumenti jgħin lill-kumpaniji biex jiddeċiedu jekk għandhomx jissodisfaw ir-rekwiżit ta' notifika tal-SCIP relatat ma' oġġetti li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati skont id-WFD, u jispeċifika fid-dettall ir-rekwiżiti ta' informazzjoni għan-notifiki tal-SCIP li jridu jiġu sottomessi lill-ECHA skont l-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH.

## 1.2 Liema fornituri ta' oġġetti jridu jissottomettu notifika tal-SCIP lill-ECHA?

Skont l-Artikolu 3(33) tar-Regolament REACH, il-fornitur ta' oġġett tfisser "*kwalunkwe produttur*[10] *jew importatur*[11] *ta' oġġett, distributur*[12] *jew attur ieħor fil-katina ta' forniment*[13] *li jqiegħdu oġġett fis-suq*[14]".

Il-fornituri ta' oġġetti li ġejjin iridu jissottomettu notifika tal-SCIP lill-ECHA:

- produtturi u muntaturi tal-UE,
- importaturi tal-UE,
- distributuri tal-UE ta' oġġetti u atturi oħra li jqiegħdu oġġetti fis-suq.

---

[6] L-Artikolu 33 ta' REACH.
[7] Imsejħa wkoll in-notifika dwar is-Sustanzi fl-Oġġetti jew in-notifika SiA stipulata fl-Artikolu 7(2) ta' REACH. L-obbligu ta' notifika SiA japplika biss għall-importaturi u l-produtturi ta' oġġetti taħt ċerti kundizzjonijiet, u għandu l-għan li jipprovdi lill-ECHA u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri b'informazzjoni dwar il-preżenza ta' sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati fl-oġġetti. Din l-informazzjoni tista' tintuża biex tiġi identifikata ħtieġa għal tnedija ta' proċeduri regolatorji għall-immaniġġjar tar-riskju skont REACH (awtorizzazzjoni u restrizzjoni) jew skont leġiżlazzjoni oħra tal-UE.
[8] L-importaturi, il-produtturi u fornituri oħra ta' oġġetti tal-UE jridu jikkonformaw mal-Artikoli 7(2) u 33 ta' REACH, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha, kif ukoll mal-obbligu ta' notifika SCIP skont l-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD.
[9] L-Artikolu 3(3) ta' REACH.
[10] L-Artikolu 3(4) ta' REACH jiddefinixxi produttur ta' oġġett bħala "kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipproduċi jew timmonta oġġett fi ħdan il-Komunità".
[11] L-Artikolu 3(11) ta' REACH jiddefinixxi importatur bħala "kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità li tkun responabbli għall-importazzjoni" u importazzjoni hija ddefinita bħala "l-introduzzjoni fiżika fit-territorju doganali tal-Komunità" (l-Artikolu 3(10) ta' REACH).
[12] L-Artikolu 3(14) ta' REACH jiddefinixxi distributur bħala "kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità, inkluż bejjiegħ bl-imnut, li jaħżen u jqiegħed fis-suq sustanza, waħidha jew f'taħlita, għal terzi biss".
[13] L-Artikolu 3(17) ta' REACH jiddefinixxi atturi fil-katina ta' provvista bħala "l-manifatturi u/jew l-importaturi u/jew l-utenti "downstream" kollha f'katina ta' provvista".
[14] L-Artikolu 3(12) ta' REACH jiddefinixxi t-tqegħid fis-suq bħala "li tipprovdi jew li tagħmel disponibbli lil terzi, kemm bi ħlas jew mingħajr ħlas. L-importazzjoni għandha titqies bħala tqegħid fis-suq."

Il-bejjiegħa bl-imnut, għajr dawk li huma importaturi u/jew produtturi, u atturi oħra fil-katina ta' provvista li jfornu oġġetti direttament u esklużivament lill-konsumaturi, mhumiex koperti mid-dmir li jipprovdu informazzjoni lill-ECHA.[15]

Id-dmir ta' forniment ta' informazzjoni lill-ECHA jibda bl-ewwel fornitur (produttur/importatur[16]) f'katina ta' provvista, minħabba li dan ikollu jew għandu jkollu l-aqwa għarfien dwar l-oġġett.[15] Rigward fornituri oħra ta' oġġetti aktar 'l isfel fil-katina ta' provvista (bħal distributuri li mhumiex importaturi), jista' jiġi segwit approċċ pragmatiku fir-rigward tal-qadi ta' dmirijiethom, bħal pereżempju billi ssir referenza għall-informazzjoni diġà sottomessa mill-fornitur upstream.[15] F'dan il-kuntest, iż-żewġ għodod żviluppati mill-ECHA biex jippermettu referenza għall-informazzjoni diġà sottomessa b'suċċess lill-bażi ta' *data* tal-SCIP huma n-Notifika Ssimplifikata tal-SCIP (SSN), li għandha tintuża primarjament mid-distributuri, u "Referenzjar" f'dossier ta' notifika tal-SCIP, li għandu jintuża mill-"montaturi".

## 1.3 Liema oġġetti u sustanzi jinsabu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dmir ta' notifika tal-SCIP?

L-obbligu ta' notifika tal-SCIP ikopri l-oġġetti kollha, mingħajr eċċezzjonijiet, kif iddefinit skont REACH, li jitqiegħdu fis-suq tal-UE u li jkunu jinkludu sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w.

Sustanzi li jissodisfaw kriterju wieħed jew aktar minn dawk iddefiniti fl-Artikolu 57 ta' REACH jistgħu jiġu identifikati bħala Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs) u jitqiegħdu fuq il-Lista ta' Kandidati għall-Awtorizzazzjoni. Sustanzi ġodda jiżdiedu b'mod regolari mal-Lista ta' Kandidati, normalment darbtejn f'sena.

L-Artikolu 3(3) ta' REACH jiddefinixxi oġġett bħala "*prodott li waqt il-produzzjoni jingħata forma, wiċċ jew disinn speċjali li jiddeterminaw il-funzjoni tiegħu sa grad akbar milli tagħmel il-kompożizzjoni kimika tiegħu*".

Minn din id-definizzjoni jirriżulta li oġġett huwa oġġett magħmul minn sustanza jew taħlita, waħda jew aktar, li jkunu ngħataw forma, wiċċ jew disinn speċifiku matul il-proċess ta' produzzjoni. Il-biċċa l-kbira mill-oġġetti li jintużaw l-aktar komunement f'unitajiet domestiċi privati huma oġġetti fihom infushom (eż. mgħarfa individwali tal-plastik, siġġu tal-ġardina ffurmat b'injezzjoni, kard postali, bolt), jew oġġetti kumplessi (eż. sufan, vettura, arloġġ, tagħmir elettroniku) li jinkorporaw żewġ oġġetti jew aktar.[17] Oġġetti li jiġu mmuntati jew magħquda flimkien jibqgħu oġġetti, dment li jżommu forma, wiċċ jew disinn speċjali li jkun aktar deċiżivi għall-funzjoni tagħhom milli l-kompożizzjoni kimika tagħhom, jew dment li ma jsirux skart[18].[19]

Id-dazju japplika għal kull oġġett fih innifsu jew li jkun jinsab f'oġġett kumpless, jiġifieri oġġett magħmul minn aktar minn oġġett wieħed, minħabba li l-oġġetti li jiġu mmuntati jew magħquda flimkien normalment jibqgħu oġġetti. Importatur jew kwalunkwe fornitur ieħor ta' oġġett kumpless (eż. klippa bil-molla) huwa importatur jew fornitur tad-diversi oġġetti fihom infushom li l-oġġett kumpless ikun magħmul minnhom (eż. l-istrippa tal-azzar mgħawġa u ż-żewġ mankijiet tal-wajer metalliku tal-klippa bil-molla).[19] Kull fornitur ta' oġġett irid jivvaluta jekk oġġett jissodisfax id-definizzjoni ta' oġġett skont REACH, kif spjegat fil-Kapitolu 2 tal-Gwida SiA, sabiex jiddetermina jekk dan ikunx kopert mill-obbligi ta' komunikazzjoni skont REACH u mill-

[15] Mid-"Dokument informali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 9(1)(i) u 9(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart 2008/98/KE riveduta, 2019, ref. Ares(2019)3936110.
[16] Inklużi distributuri li huma wkoll importaturi.
[17] Ara s-Sottokapitolu 2.4 tal-Gwida SiA.
[18] "Skart" kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) tad-WFD.
[19] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Settembru 2015 fil-Kawża C-106/14.

obbligu ta' notifika tal-SCIP skont id-WFD. Biex iwettaq din il-valutazzjoni, il-fornitur irid jidentifika l-funzjoni tal-oġġett u jkollu informazzjoni li tippermetti tqabbil bejn il-forma fiżika (forma, wiċċ u disinn) u l-kompożizzjoni kimika, biex jiġi ddeterminat jekk dik tal-ewwel tkunx aktar importanti għall-funzjoni.

Trid tiġi sottomessa notifika tal-SCIP lill-ECHA għal oġġetti fihom infushom li jinkludu sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w[20], kif ukoll għal oġġetti kumplessi li jinkorporaw tali oġġetti, kif inhuma fornuti, inklużi "spare parts" fornuti għal sostituzzjoni. Oġġetti jew oġġetti kumplessi li jissewwew, dment li ma jiġux fornuti, mhumiex koperti mid-dmir legali.

Informazzjoni dwar oġġetti fornuti direttament u esklużivament lill-konsumaturi minn attur tal-UE fil-katina ta' provvista li ma jkunx importatur, mingħajr il-parteċipazzjoni ta' distributur jew attur ieħor fil-katina ta' provvista, mhijiex inkluża fil-bażi ta' *data* tal-SCIP, minħabba li kwalunkwe forniment dirett lill-konsumaturi minn atturi tal-UE fil-katina ta' provvista li mhumiex importaturi jew produtturi mhuwiex kopert mill-obbligu legali.

Fejn ikun meħtieġ fl-interessi tad-difiża, f'każijiet speċifiċi, l-Istati Membri jistgħu jippermettu eżenzjonijiet mir-Regolament REACH għal ċerti sustanzi waħidhom, f'taħlita jew f'oġġett (l-Artikolu 2(3) tar-Regolament REACH). Għalhekk, f'każ li Stat Membru jqis li l-obbligi ta' rappurtar ikunu detrimentali għall-interessi nazzjonali fil-qasam tad-difiża, dan jista' jagħżel li jinvoka dan l-artikolu biex jipprovdi eżenzjoni speċifika mill-obbligu tal-Artikolu 33(1) ta' REACH kif ukoll mill-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD, rispettivament. Barra minn hekk, l-Istati Membri mhumiex obbligati jfornu informazzjoni li d-divulgazzjoni tagħha huma jqisu bħala li tmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom (l-Artikolu 346 TFUE[21]).[15]

## 1.4 Skedi ta' żmien

Mill-5 ta' Jannar 2021, informazzjoni dwar oġġetti li fihom SVHC fuq il-Lista ta' Kandidati f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w, imqiegħda fis-suq tal-UE, trid tiġi nnotifikata lill-ECHA. Id-dmir ta' notifika tal-SCIP japplika minn dik id-data 'l quddiem.

Fis-Sottokapitolu 3.2.1 tagħha dwar l-obbligi ta' komunikazzjoni skont REACH tul il-katina ta' provvista, il-Gwida SiA ssemmi li "*l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lir-riċevitur tal-oġġett meta l-oġġett jiġi fornut għall-ewwel darba wara l-inklużjoni tas-sustanza fil-Lista ta' Kandidati*". Għalhekk, wara l-5 ta' Jannar 2021, jekk sustanza preżenti f'oġġett imqiegħed fis-suq tal-UE f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w tiżdied mal-Lista ta' Kandidati, il-fornitur ta' dak l-oġġett irid jissottometti notifika tal-SCIP jew jaġġorna notifika tal-SCIP sottomessa preċedentement għal dak l-oġġett fi żmien il-forniment jew it-tqegħid fis-suq sussegwenti lil kwalunkwe klijent jew b'riżultat ta' importazzjoni, wara li s-sustanza tkun ġiet inkluża fil-Lista ta' Kandidati.

Ma hemmx għalfejn issir notifika lill-ECHA dwar oġġetti fihom infushom jew f'oġġetti kumplessi li jinkludu sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati (> 0.1 % w/w) li kienu tqiegħdu fis-suq preċedentement, iżda li ma jitqiegħdux fis-suq mill-5 ta' Jannar 2021 'il quddiem.

Id-WFD riveduta daħlet fis-seħħ fl-4 ta' Lulju 2018 u kellha tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali mill-Istati Membri sal-5 ta' Lulju 2020. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ regoli nazzjonali li jobbligaw lill-fornituri kollha jipprovdu informazzjoni lill-ECHA, jiġifieri jissottomettu notifika tal-SCIP mill-5 ta' Jannar 2021**.**

---

[20] Is-Sottokapitolu 3.2.3.1 tal-Gwida SiA jispjega kif trid tiġi ddeterminata l-konċentrazzjoni ta' sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati.
[21] It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## 1.5 Il-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar sustanzi f'oġġetti skont REACH u n-notifika tal-SCIP

Skont REACH, kull fornitur ta' oġġett li jinkludi sustanza jrid jipprovdi lir-riċevitur tal-oġġett (l-Artikolu 33(1)) b'biżżejjed informazzjoni, disponibbli għall-fornitur, biex ikun possibbli użu sikur mill-oġġett (informazzjoni dwar is-sigurtà), meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- Is-sustanza tiġi inkluża fil-Lista ta' Kandidati għall-Awtorizzazzjoni, u
- Is-sustanza tkun preżenti fl-oġġetti mqiegħda fis-suq f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % (w/w).

L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lir-riċevitur[22] tal-oġġett meta l-oġġett jiġi fornut għall-ewwel darba wara l-inklużjoni tas-sustanza fil-Lista ta' Kandidati.

L-informazzjoni kkomunikata tul il-katina ta' provvista minn fornitur ta' oġġett, skont REACH, li tissodisfa dawk il-kundizzjonijiet, trid tiġi pprovduta lill-ECHA permezz ta' sottomissjoni ta' notifika tal-SCIP.

REACH ma jispeċifikax format għall-forniment ta' informazzjoni għall-użu sikur tul il-katina ta' provvista. Rigward in-notifiki tal-SCIP, l-ECHA stabbilixxiet format tal-SCIP biex il-kumpaniji jissottomettu informazzjoni lill-bażi ta' *data* tal-SCIP.

Id-dmirijiet ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar sustanzi f'oġġetti (SiA), skont REACH, u tan-notifika tal-SCIP jingħataw fil-qosor fit-Tabella 1.

**Tabella 1: Sommarju tal-obbligi ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar sustanzi f'oġġetti, skont REACH, u tan-notifika tal-SCIP**

| Obbligu: | Komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar is-SiA | Notifika tal-SCIP |
|---|---|---|
| Bażi ġuridika | L-Artikolu 33 ta' REACH | L-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD |
| Atturi kkonċernati | Fornituri ta' oġġetti* | |
| Oġġetti kkonċernati | L-oġġetti fihom infushom jew f'oġġetti kumplessi kollha mqiegħda fis-suq tal-UE<br>(l-oġġetti kollha li jissodisfaw id-definizzjoni ta' oġġett skont REACH) | |
| Sustanzi kkonċernati | Sustanzi inklużi fil-Lista ta' Kandidati ta' Sustanza ta' Tħassib Serju Ħafna għall-Awtorizzazzjoni | |
| Limitu tal-konċentrazzjoni tas-sustanza fl-oġġett | Ogħla minn 0.1 % w/w | |
| Limitu tat-tunnellaġġ | Le | |
| Eżenzjonijiet | Le, għajr eżenzjonijiet speċifiċi permessi mill-Istati Membri fl-interessi tad-difiża.[23] | |

[22] L-Artikolu 3(35) ta' REACH jiddefinixxi riċevitur ta' oġġett bħala "utent industrijali jew professjonali jew distributur li jiġi fornut b'oġġett iżda ma jinkludix il-konsumaturi".
[23] L-Artikolu 2(3) ta' REACH

| Obbligu: | Komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar is-SiA | Notifika tal-SCIP |
|---|---|---|
| Informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata/ipprovduta | Biżżejjed informazzjoni, disponibbli għall-fornitur[24], biex ikun possibbli użu sikur mill-oġġett, meta jitqiesu ċ-ċikli kollha tal-ħajja, kif ukoll l-użu skorrett prevedibbli, ir-rimi u r-riċiklaġġ[25] | |
| Identifikazzjoni ta' oġġetti jew oġġetti kumplessi | Disponibbli fit-tikketti fuq l-oġġetti jew l-oġġetti kumplessi, f'katalogi jew f'mezzi oħra | Huwa meħtieġ li din tiġi pprovduta fin-notifika tal-SCIP biex jiġi ddeterminat il-kamp ta' applikazzjoni tan-notifika u biex l-utenti tal-bażi ta' *data* jkunu jistgħu jidentifikawhom |
| Format għall-komunikazzjoni/il-forniment tal-informazzjoni | Mhux speċifikat fit-test legali | Stabbilit mill-ECHA għas-sottomissjoni tal-informazzjoni lill-bażi ta' *data* tal-SCIP |

* Għad-dmir ta' notifika tal-SCIP, huma esklużi l-bejjiegħa bl-imnut tal-UE u atturi oħra tal-UE fil-katina ta' provvista li mhumiex importaturi u li jfornu oġġetti direttament u esklużivament lill-konsumaturi.

[24] Il-Kapitolu 3.2.1 tal-Gwida SiA jiddikjara li "L-obbligi ta' komunikazzjoni jirriżultaw mill-preżenza tas-sustanza fil-Lista ta' Kandidati fl-oġġett. Dawn l-obbligi japplikaw irrispettivament minn jekk il-fornitur ikunx konxju mill-preżenza tas-sustanzi. Għalhekk, huwa fl-interess tal-fornitur li jfittex informazzjoni dwar il-preżenza ta' sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati"; il-Kapitolu 5 tal-Gwida SiA jirreferi għal ħafna sorsi ta' informazzjoni disponibbli għall-fornituri ta' oġġetti jew pariri dwar approċċi biex tinkiseb u tiġi evalwata informazzjoni dwar is-sustanzi fl-oġġetti; is-Sottokapitolu 3.3 tal-istess Gwida jirreferi wkoll għal informazzjoni li hija jew li tista' tkun disponibbli għall-importaturi u l-produtturi ta' oġġetti tal-UE.

[25] Il-Kapitoli 3.2.1 u 3.4.1 tal-Gwida SiA

# 2. Rekwiżiti ta' informazzjoni

Kull fornitur ta' oġġett li jinkludi sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w irid jissottometti lill-ECHA, f'notifika tal-SCIP, biżżejjed informazzjoni biex ikun possibbli użu sikur mill-oġġett imqiegħed fis-suq tal-UE. Fin-nuqqas ta' aktar dettalji, kien meħtieġ li jiġi ddefinit f'aktar dettall liema rekwiżiti huma stipulati bid-dispożizzjonijiet legali.

Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni meħtieġa għan-notifiki tal-SCIP huma speċifikati hawn taħt bit-teħid inkunsiderazzjoni tat-test legali tad-Direttiva 2018/851 li temenda d-WFD u r-Regolament REACH, inklużi l-premessi rilevanti, b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD u l-Artikolu 33(1) ta' REACH, il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja[19], id-"Dokument informali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 9(1)(i) u 9(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart 2008/98/KE riveduta"[26], u l-Gwida SiA[27]. Fl-iżvilupp tagħhom, l-ECHA ħadet inkunsiderazzjoni wkoll il-kontributi riċevuti mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati (assoċjazzjonijiet tal-kummerċ u tal-industrija, operaturi tal-iskart u NGOs interessati).

L-identifikazzjoni kummerċjali ta' oġġett jew ta' oġġett kumpless imqiegħed fis-suq tal-UE normalment tkun disponibbli fuq il-prodotti, fuq tabelli, f'katalogi jew b'mezzi oħra, u tkun tinkludi, pereżempju, l-isem kummerċjali, il-marka, il-mudell u n-numru tal-barcode. Mingħajr din l-identifikazzjoni, l-atturi fil-katina ta' provvista u l-konsumaturi ma jistgħux jorbtu oġġett mal-informazzjoni rilevanti għall-użu sikur fil-bażi ta' *data* tal-SCIP. L-informazzjoni kkomunikata lill-bażi ta' *data* tal-SCIP trid tippermetti l-identifikazzjoni tal-oġġett li jinkludi s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati li miegħu tkun marbuta l-informazzjoni għall-użu sikur, anke meta dan l-oġġett ikun inkorporat f'oġġett kumpless. Dik l-informazzjoni għall-użu sikur għandha l-għan li tippermetti li l-atturi kollha fil-katina ta' provvista jieħdu, fl-istadju tagħhom, dawk il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju li jirriżultaw mill-preżenza ta' sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati f'oġġetti sabiex jiggarantixxu l-użu kompletament sikur minnhom, u indirettament għandha l-għan ukoll li tippermetti li dawk l-operaturi u l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażla dwar il-forniment b'għarfien sħiħ tal-karatteristiki tal-prodotti, inklużi dawk ta' oġġetti li jagħmlu parti mill-kompożizzjoni tagħhom.[19] L-informazzjoni li trid tiġi sottomessa lill-bażi ta' *data* tal-SCIP hija primarjament intenzjonata biex tkun disponibbli u tintuża mill-operaturi (tat-trattament) tal-iskart, u għalhekk għandha tkun utli għall-fażi ta' trattament tal-iskart fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-oġġett, kif ukoll tippermetti l-identifikazzjoni u t-trattament effettiv ta' skart li jinkludi sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati.[26]

Fid-dawl ta' dawn l-elementi, l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-ECHA f'notifika tal-SCIP trid tinkludi l-informazzjoni li ġejja:
- informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-oġġett;
- l-identifikazzjoni tas-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati fl-oġġett, il-firxa tal-konċentrazzjoni tagħha u l-post fejn tkun tinsab, kif xieraq; u
- possibbilment kwalunkwe informazzjoni oħra dwar l-użu sikur mill-oġġett, disponibbli għall-fornitur[24], notevolment informazzjoni li hija meħtieġa biex jiġi żgurat l-immaniġġjar xieraq tal-oġġett ladarba jsir skart.

Għalhekk, minbarra l-identifikazzjoni tad-detentur tad-dover u d-dettalji ta' kuntatt tiegħu,[28] l-informazzjoni disponibbli minima li l-fornitur irid jikkomunika lill-ECHA tikkonsisti minn[26]:
i) informazzjoni rilevanti għall-identifikazzjoni tal-oġġett;
ii) l-isem, il-firxa tal-konċentrazzjoni u l-post fejn ikun jinsab l-SVHC (fil-Lista ta' Kandidati);
iii) fejn l-informazzjoni fil-punt ii) ma tkunx biżżejjed, informazzjoni oħra disponibbli dwar l-użu

[26] Id-"Dokument informali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 9(1)(i) u 9(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart 2008/98/KE riveduta", distribwit lill-CARACAL u l-Grupp ta' Esperti dwar l-Iskart f'Ġunju 2019, ref. Ares(2019)3936110.
[27] Jiġifieri s-Sottokapitoli 3.2.1, 3.2.3.1 u 3.4.1, l-Appendiċi 5 u l-Eżempju 23 fl-Appendiċi 6.
[28] Mhux koperti f'dan id-dokument. Jingħataw aktar dettalji fil-Manwal Kontabilistiku tal-ECHA.

sikur mill-oġġett, b'mod partikolari informazzjoni li tkun rilevanti biex jiġi żgurat l-immaniġġjar xieraq tal-oġġett ladarba jsir skart.

Hemm ħafna oġġetti u oġġetti kumplessi (jiġifieri oġġetti magħmula minn aktar minn oġġett wieħed) imqiegħda fis-suq li jistgħu jkunu koperti mid-dmir ta' notifika tal-SCIP, minn oġġetti sempliċi bħal O-ring jew basket tal-imballaġġ sa oġġetti aktar kumplessi bħal sharpener tal-lapsijiet, ġakketta għal barra, apparat elettrodomestiku, rota jew vettura. Minħabba dik id-diversità, ir-rekwiżiti jridu jkunu xierqa biex tkun possibbli s-sottomissjoni ta' informazzjoni għall-oġġetti u l-oġġetti kumplessi kollha possibbli lill-bażi ta' *data* tal-SCIP. Il-format ta' sottomissjoni tal-SCIP ġie żviluppat bħala soluzzjoni li tista' tapplika għas-sitwazzjonijiet kollha possibbli; dan jindirizza wkoll l-elementi elenkati hawn fuq.

Pereżempju, rota kif tidher fil-Figura 1 hija oġġett kumpless magħmul minn ħafna oġġetti fihom infushom. Xi wħud minn dawn l-oġġetti fihom infushom fir-rota jistgħu jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati. Ir-rota tiġi mmuntata minn diversi komponenti, li ħafna minnhom huma oġġetti kumplessi, bħall-qafas, ir-roti u s-sit. Pereżempju, il-qafas huwa magħmul minn diversi tubi u stays (oġġetti fihom infushom), normalment magħquda b'saldatura; kull rota tinkorpora diversi komponenti bħall-ispokes, ir-rimm, it-tubu ta' ġewwa bl-istemma tal-valv, u t-tajer (oġġett fih innifsu); is-sit huwa wkoll magħmul minn diversi komponenti, fost oħrajn il-qoxra iebsa, il-qoxra esterna u l-binarji. Għalhekk, dawn il-komponenti tal-qafas, ir-roti, u s-sit huma sottokomponenti tar-rota.

**Figura 1: Rota bħala eżempju ta' oġġett kumpless magħmul minn ħafna oġġetti fihom infushom**



L-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa f'notifika tal-SCIP lill-ECHA trid tiġi pprovduta fil-livell tal-oġġett u tiddependi minn jekk tkunx tikkonċerna:

- oġġett fih innifsu li jkun jinkludi sustanza waħda jew aktar fuq il-Lista ta' Kandidati (> 0.1 % w/w)
  (oġġett fih innifsu tfisser l-unità l-aktar granulari jew bażika li fiha jista' jeżisti oġġett wara li jiġi prodott; dan jista' jitqiegħed fis-suq kemm waħdu kif ukoll f'oġġett kumpless);
- oġġett kumpless li jinkorpora tali oġġetti.
  (oġġett kumpless jinkorpora komponenti, li jistgħu jkunu jew oġġetti kumplessi oħra jew inkella oġġetti fihom infushom).

Għalhekk, hemm rekwiżiti ta' informazzjoni applikabbli għal:

- kemm oġġetti fihom infushom kif ukoll oġġetti kumplessi, minn hawn 'il quddiem imsejħa rekwiżiti komuni (it-Taqsima 2.1), miġbura flimkien bħala
  - identifikaturi u kategorizzazzjoni,
  - karatteristiċi,

- struzzjoni(jiet) għall-użu sikur;
- oġġetti kumplessi biss (it-Taqsima 2.2), miġbura flimkien bħala
  - komponent(i) ta' oġġett(i) kumpless(i);
- oġġetti fihom infushom biss (it-Taqsima 2.3), miġbura flimkien bħala
  - elementi ta' tħassib

Jekk terġa' titqies ir-rota kif tidher fil-Figura 1, jekk it-tajer ikun oġġett fih innifsu li jinkludi sustanza 1 fuq il-Lista ta' Kandidati (> 0.1 % w/w), il-fornitur tar-rota jrid jissottometti notifika tal-SCIP għar-rota, l-oġġett kumpless imqiegħed fis-suq. Għalhekk, ir-rota hija l-entità tal-ogħla livell fin-notifika tal-SCIP ta' dan il-fornitur, li jrid jipprovdi informazzjoni għar-rota skont ir-rekwiżiti stipulati għall-identifikaturi u l-kategorizzazzjoni, il-karatteristiċi, u l-istruzzjoni(jiet) għall-użu sikur fit-Taqsima 2.1 ta' dan id-dokument. In-notifika tal-SCIP għar-rota jkollha tidentifika wkoll it-tajer, li f'dan l-eżempju qed jitqies bħala oġġett fih innifsu, bħala li fih is-sustanza 1 fuq il-Lista ta' Kandidati, billi tissodisfa r-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-elementi ta' tħassib iddefiniti fit-Taqsima 2.3 hawn taħt, kif ukoll ir-rekwiżiti fit-Taqsima 2.1 hawn taħt, għat-tajer. L-informazzjoni għal komponenti u sottokomponenti rilevanti oħra tar-rota li jinkorporaw it-tajer għandha tiġi pprovduta skont ir-rekwiżiti fit-Taqsima 2.2 hawn taħt dwar komponent(i) ta' oġġett(i) kumpless(i).

Id-dijagramma sekwenzjali fil-Figura 2 turi kif l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta skont ir-rekwiżiti ta' informazzjoni stipulati f'din it-taqsima meta titħejja notifika tal-SCIP għal oġġett fih innifsu jew għal oġġett kumpless, fejn jiġi l-ewwel l-oġġett jew l-oġġett kumpless imqiegħed fis-suq (l-entità tal-ogħla livell) mis-sottomittent. Dan ma jfissirx neċessarjament kif l-informazzjoni għandha tiġi ġġenerata u/jew tinġabar mis-sottomittent.

Kull rekwiżit ta' informazzjoni (fit-Tabelli 2 sa 7 hawn taħt) huwa kklassifikat ukoll bħala

- Obbligatorju (M): id-*data* trid tiġi pprovduta, minħabba li hija legalment u/jew teknikament meħtieġa; jekk ma tiġix ipprovduta *data* għar-rekwiżit, is-sottomissjoni tan-notifika tfalli u l-obbligu ma jiġix issodisfat;
- Meħtieġ (R): dan jeħtieġ input, pereżempju billi ssir għażla fost opzjonijiet f'lista li tinżel jew billi tiġi mmarkata xi kaxxa; madankollu, jista' jiġi ssodisfat mingħajr ma tiġi pprovduta *data*, pereżempju meta ma tkunx disponibbli informazzjoni jew ma jkunx hemm għalfejn tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali; f'dawn il-każijiet, dak li jinnotifika jista' jagħżel l-opzjoni rilevanti fost dawk disponibbli (eż. "L-ebda *data*"), jew jiddikjara li mhijiex meħtieġa *data* billi jimmarka kaxxa; nuqqas tal-input imsemmi hawn fuq permezz ta' dik l-għażla jew tal-immarkar jikkawża l-falliment tas-sottomissjoni tan-notifika għal raġunijiet tekniċi;
- Fakultattiv (O): id-*data* tista' tiġi pprovduta biss b'mod fakultattiv iżda s-sottomissjoni tagħha hija mħeġġa; is-sottomissjoni tan-notifika tirnexxi anke jekk ma tiġix ipprovduta *data*.

Din il-klassifikazzjoni tar-rekwiżiti (ara t-Tabelli 1 sa 6 hawn taħt) hija rilevanti għas-sottomissjoni b'suċċess ta' notifika tal-SCIP. Madankollu, dan ma jfissirx neċessarjament li mhuwiex meħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali rilevanti u disponibbli għal ċerti rekwiżiti kklassifikati bħala fakultattivi (O) jew meħtieġa (R), biex ikun hemm konformità mad-dmir ta' notifika tal-SCIP. B'mod partikolari, jekk f'każ konkret dik l-informazzjoni tkun disponibbli[24] u meħtieġa biex jiġi żgurat l-użu sikur mill-oġġett jew l-oġġett kumpless matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ, inklużi l-ħajja operattiva, l-iżmantellar u l-istadju tal-iskart/tar-riċiklaġġ[25]. Pereżempju, għal oġġetti fihom infushom jew oġġetti kumplessi mqiegħda fis-suq tal-UE għall-konsumaturi, jista' jkun meħtieġ li jiġu pprovduti biżżejjed identifikaturi kummerċjali addizzjonali biex l-informazzjoni għall-użu sikur sottomessa tkun tista' tintrabat ma' dawk l-oġġetti u l-oġġetti kumplessi fil-bażi ta' *data* tal-SCIP, b'mod partikolari jekk dawn ikunu tqiegħdu għad-

dispożizzjoni tal-konsumaturi fuq il-prodott, fuq tikketti, f'katalogi jew b'mezzi oħra.[29]

**Figura 2: L-għoti ta' informazzjoni meta tkun qed titħejja notifika tal-SCIP**




## 2.1 Rekwiżiti komuni kemm għal oġġetti fihom infushom kif ukoll għal oġġetti kumplessi

Din it-taqsima tispeċifika kif f'notifika tal-SCIP, oġġett fih innifsu jew oġġett kumpless għandhom jiġu identifikati u deskritti, liema struzzjonijiet għall-użu sikur għandhom jiġu rrakkomandati, jekk dawn ikunu meħtieġa biex jiġi żgurat l-użu sikur mill-oġġett li jkun jinkludi sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati jew mill-oġġett kumpless li jinkorpora tali oġġetti, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż l-istadju tal-iskart. Dawn ir-rekwiżiti japplikaw kemm għal oġġetti fihom infushom kif ukoll għal oġġetti kumplessi, inklużi dawk imdaħħla bħala komponenti ta' oġġett kumpless (ara t-Taqsima 2.2).

[29] B'analoġija, dan huwa l-każ ukoll fil-kuntest tal-Artikolu 33(2) ta' REACH biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jissottomettu talba sinifikattiva skont dik id-dispożizzjoni.

### 2.1.1 Identifikaturi u kategorizzazzjoni

L-identifikaturi, inklużi l-ismijiet, u r-rekwiżit tal-kategorija tal-oġġett għandhom jippermettu identifikazzjoni inekwivoka tal-oġġett fih innifsu jew tal-oġġett kumpless imqiegħed fis-suq li għalih tkun qed tiġi sottomessa n-notifika tal-SCIP (l-entità tal-ogħla livell[30]) mid-detentur tad-dover. Dawn għandhom jippermettu wkoll l-identifikazzjoni jew ir-rikonoxximent tal-komponenti ta' oġġett kumpless, jiġifieri l-oġġetti fihom infushom li jinkludu s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati.

L-identifikaturi, meta jkun rilevanti, għandhom ikunu konsistenti ma' dawk l-identifikaturi kummerċjali li jkunu disponibbli fuq il-prodott, fuq tikketti, f'katalogi jew b'mezzi oħra meta l-oġġetti jew l-oġġetti kumplessi jitqiegħdu fis-suq tal-UE.

Il-kategorija tal-materjal u/jew il-kategorija tat-taħlit għall-oġġetti fihom infushom, kif spjegat fit-Taqsima 2.3.1, huma wkoll elementi li huma importanti biex jiġi kkaratterizzat l-oġġett u biex tiġi appoġġata l-identifikazzjoni tiegħu fil-bażi ta' *data* tal-SCIP.

It-Tabella 2 telenka u tiddeskrivi fil-qosor ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-identifikazzjoni ta' oġġetti fihom infushom u oġġetti kumplessi f'notifika tal-SCIP.

**Tabella 2: Identifikaturi u karatterizzazzjoni**

| Rekwiżit | Deskrizzjoni | M/R/O** |
|---|---|---|
| **Isem l-oġġett** | Ipprovdi isem l-oġġett jew l-oġġett kumpless kif assenjat mis-sottomittent. | M |
| **Isem ieħor/ismijiet oħra*** ***[tip u valur]*** | Ipprovdi kwalunkwe isem addizzjonali użat biex jidentifika speċifikament l-oġġett jew l-oġġett kumpless, bħal isem il-marka, il-mudell, jew ismijiet oħra. Pereżempju, isem li jidher fuq l-oġġett jew l-oġġett kumpless, fuq tikketti, f'katalogi jew f'mezzi oħra. | O |
| **Identifikatur primarju tal-oġġett** ***[tip u valur]*** | Ipprovdi identifikatur numeriku jew alfanumeriku assenjat lill-oġġett fih innifsu jew lill-oġġett kumpless ms-sottomittent, billi dan huwa rekwiżit tekniku essenzjali biex tiġi identifikata n-notifika tal-SCIP sottomessa għal dak l-oġġett jew l-oġġett kumpless fil-Portal għas-Sottomissjonijiet tal-ECHA.[31] | M |
| **Identifikatur(i) ieħor/oħra tal-oġġett*** ***[tip u valur]*** | Ipprovdi identifikatur numeriku jew alfanumeriku ieħor assenjat lill-oġġett fih innifsu jew lill-oġġett kumpless biex dan ikun jista' jiġi identifikat b'mod speċifiku, bħall-kodiċi tal-prodott jew identifikatur ieħor diġà użat, pereżempju għall-prattiki kummerċjali u ta' negozju tiegħu. Pereżempju, identifikatur li jidher fuq l-oġġett jew l-oġġett kumpless, fuq tikketti, f'katalogi jew f'mezzi oħra. | O |

[30] It-terminu "entità tal-ogħla livell" jintuża biex jirreferi għal oġġetti fihom infushom jew oġġetti kumplessi, disponibbli biex jitqiegħdu fis-suq, li għalihom tkun qed tiġi sottomessa notifika tal-SCIP biex tiddistingwihom minn oġġetti fihom infushom u oġġetti kumplessi mdaħħla f'notifika għal oġġett kumpless bħala komponenti ta' dak l-oġġett (ara t-Taqsima 2.2).
[31] "*Portal għas-Sottomissjonijiet tal-ECHA*": portal online biex tiġi sottomessa notifika tal-SCIP lill-ECHA.

| Rekwiżit | Deskrizzjoni | M/R/O** |
|---|---|---|
| **Kategorija tal-oġġett*** | Ipprovdi informazzjoni fil-qosor dwar il-funzjoni jew l-użu tal-oġġett li jinkludi sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati, jew tal-oġġett kumpless li jinkorpora dawn l-oġġetti. L-informazzjoni fil-qosor dwar il-funzjoni jew l-użu tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless għandha l-għan li tipprovdi isem jew deskrizzjoni komuni li tinftiehem (minn lista armonizzata). Din tiġi pprovduta minn valuri predefiniti li jistgħu jintgħażlu (kategoriji ta' oġġetti jew kodiċijiet NM/TARIC u deskrizzjonijiet[32]) f'lista armonizzata fin-notifika tal-SCIP. Dawk il-valuri predefiniti b'kodiċijiet u deskrizzjonijiet huma bbażati fuq lista armonizzata eżistenti – il-lista tat-Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea – TARIC. L-identifikazzjoni tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless abbażi tal-funzjoni jew l-użu tiegħu ma tistax tiġi żgurata minn "isem l-oġġett" waħdu, kif assenjat mis-sottomittent. | M |
| **Produzzjoni fl-Unjoni Ewropea** | Indika jekk l-oġġett jew l-oġġett kumpless ikunx ġie prodott jew immuntat fl-Unjoni Ewropea. | R |

*Ripettibbli. F'dan ir-rekwiżit, is-sottomittent jista' jipprovdi informazzjoni kemm-il darba jkun meħtieġ biex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa relatata mal-oġġett fih innifsu jew mal-oġġett kumpless. Eż. Taħt "Ismijiet oħra", jistgħu jiġu pprovduti l-marka u l-mudell billi jiżdiedu kampijiet addizzjonali għal dan ir-rekwiżit.
** M = Obbligatorju; R = Meħtieġ (iżda bid-disponibbiltà ta' opzjoni "l-ebda *data*"); O = Fakultattiv.

### 2.1.1.1 Isem l-oġġett

Isem l-oġġett jew l-oġġett kumpless li jiġi pprovdut, kif deskritt fit-Tabella 2, għandu jkun sempliċi, ċar u qasir iżda deskrittiv, jiġifieri għandu jirrifletti kif l-oġġett u l-oġġett kumpless ikun magħruf komunement (eż. vit, xafra, sharpener tal-lapsijiet, arloġġ diġitali, magna, mutur), biex dan ikun jista' jiġi identifikat u mifhum faċilment fil-bażi ta' *data* tal-SCIP. Dan huwa partikolarment rilevanti għal oġġetti u oġġetti kumplessi mdaħħla f'notifika tal-SCIP bħala komponent ta' oġġett kumpless (ara t-Taqsima 2.2).

Isem l-oġġett jew l-oġġett kumpless għandu l-għan li:

- jippermetti l-identifikazzjoni tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless fil-bażi ta' *data* tal-SCIP, jew bħala entità tal-ogħla livell jew inkella bħala komponent ta' oġġett kumpless;
- jiffaċilita t-tħejjija, il-ħolqien u s-sottomissjoni tad-dossier(s) tan-notifika tal-SCIP (fil-format tal-IUCLID[33]), kif ukoll tas-sottomissjonijiet (fil-Portal għas-Sottomissjonijiet tal-ECHA[31]).

[32] Il-kodiċijiet NM/TARIC u d-deskrizzjonijiet, kif jissemmew f'dan id-dokument, jirreferu għall-kodiċijiet u d-deskrizzjonijiet meħuda mil-lista tat-Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea – TARIC – li tinkorpora l-kodiċijiet u d-deskrizzjonijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) kif stipulati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 u s-sottointestaturi speċifiċi tat-TARIC. Il-lista TARIC hija magħrufa wkoll bħala s-sistema ta' klassifikazzjoni tal-prodotti tal-UE.

[33] Il-Bażi ta' *Data* Uniformi Internazzjonali ta' Informazzjoni Kimika (IUCLID) hija sistema ta' applikazzjoni f'għamla ta' software għall-ġestjoni ta' *data* dwar il-karatteristiċi intrinsiċi u ta' periklu ta' sustanzi u taħlitiet kimiċi għar-rappurtar preċiż lill-awtoritajiet regolatorji, li ġiet żviluppata mill-ECHA f'kollaborazzjoni mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Il-format tal-SCIP ilu parti mill-IUCLID minn Ottubru 2019. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq https://iuclid6.echa.europa.eu/project-iuclid-6.

### 2.1.1.2 Isem ieħor/ismijiet oħra

Is-sottomittent jista' jipprovdi isem addizzjonali kif deskritt fit-Tabella 2. Meta jipprovdi ismijiet oħra, is-sottomittent irid jagħżel tip predefinit (eż. marka, mudell, tip) jew jiddefinixxih bħala xieraq skont il-prattiki tiegħu, pereżempju fis-settur jew fil-katina ta' provvista, u jdaħħal l-isem (valur) rispettiv.

Diversi ismijiet oħra jistgħu jiġu pprovduti minn sottomittent bħala mezz ieħor għall-identifikazzjoni speċifika tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless, meta dan ikun rilevanti jew jitqies bħala meħtieġ mis-sottomittent biex jikkonforma mad-dmir ta' notifika tal-SCIP.

Ismijiet oħra jirreferu għal ismijiet oħra użati biex jidentifikaw l-oġġett jew l-oġġett kumpless kummerċjalment, kif jidhru fuq it-tikketti, il-katalogi jew mezzi oħra meta dawn jitqiegħdu fis-suq (eż. il-marka, il-mudell), aktar milli għal sinonimi tal-isem ipprovdut taħt ir-rekwiżit ta' isem l-oġġett (it-Taqsima 2.1.1.1).

Kull meta jkun meħtieġ, dawn l-ismijiet addizzjonali għandhom jiġu pprovduti biex, fil-bażi ta' *data* tal-SCIP, tkun possibbli identifikazzjoni inekwivoka tal-oġġett fih innifsu jew tal-oġġett kumpless kif imqiegħed fis-suq (l-entità tal-ogħla livell) minn kwalunkwe utent tal-bażi ta' *data*. Pereżempju, għal oġġetti fihom infushom jew oġġetti kumplessi mqiegħda fis-suq għall-konsumaturi, għandhom jiġu pprovduti ismijiet oħra bħall-marka, il-mudell u t-tip, meta jkunu rilevanti jew disponibbli, biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jidentifikaw b'mod inekwivoku l-oġġett fih innifsu jew l-oġġett kumpless marbut mal-informazzjoni sottomessa lill-bażi ta' *data* tal-SCIP.

### 2.1.1.3 Identifikatur primarju tal-oġġett

L-identifikatur primarju tal-oġġett, kif deskritt fit-Tabella 2, li jrid jiġi pprovdut fin-notifika tal-SCIP bħala identifikatur numeriku jew alfanumeriku assenjat għad-diskrezzjoni tas-sottomittent. Dan jista' jkun il-kodiċi tal-prodott jew l-identifikatur proprju tal-kumpanija li, pereżempju, diġà jintuża għall-prattiki kummerċjali u ta' negozju tagħha.

Meta jipprovdi l-identifikatur primarju tal-oġġett, is-sottomittent jista' jagħżel tip predefinit jew jiddefinixxih bħala xieraq skont il-prattiki tiegħu, u jdaħħal l-isem (valur) rispettiv. Pereżempju, it-tipi predefiniti huma, fost oħrajn, in-Numru Ewropew tal-Oġġetti-EAN, il-Kodiċi Universali tal-Prodotti-GPC, in-Numru tal-Oġġetti għall-Kummerċ Universali-GTIN, numru tal-katalogu u numru tal-parti.

L-identifikatur primarju tal-oġġett (tip u valur) huwa obbligatorju għal raġunijiet tekniċi. Huwa essenzjali li jiġu mmaniġġjati n-notifiki tal-SCIP u s-sottomissjonijiet għall-oġġetti fihom infushom u għall-oġġetti kumplessi (l-entità tal-ogħla livell), li għalihom tkun qed tiġi sottomessa l-informazzjoni. Dan jappoġġa wkoll it-tħejjija tan-notifiki tal-SCIP.

Skont dan ir-rekwiżit, għal oġġetti jew oġġetti kumplessi (l-entità tal-ogħla livell) li jsiru disponibbli jew li jitqiegħdu fis-suq għall-konsumaturi, jekk ikun xieraq jista' jiġi pprovdut identifikatur numeriku jew alfanumeriku li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom, eż. in-Numru Ewropew tal-Oġġetti (EAN) fuq it-tikketti jew fil-katalogi, u dan billi jiġi ssettjat bħala l-identifikatur primarju tal-oġġett.

### 2.1.1.4 Identifikatur(i) ieħor/oħra tal-oġġett

Is-sottomittenti jista' jipprovdi kwalunkwe identifikatur numeriku jew alfanumeriku addizzjonali, kif deskritt fit-Tabella 2, għall-identifikatur primarju tal-oġġett fih innifsu jew tal-oġġett kumpless biex dan ikun jista' jiġi identifikat b'mod speċifiku fil-bażi ta' *data* tal-SCIP.

Diversi identifikaturi numeriċi jew alfanumeriċi oħra jistgħu jiġu pprovduti minn preżentatur bħala mezz ieħor għall-identifikazzjoni speċifika tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless, fejn dan ikun rilevanti jew jitqies bħala meħtieġ biex ikun hemm konformità mad-dmir ta' notifika tal-SCIP.

Meta jipprovdi identifikatur numeriku jew alfanumeriku addizzjonali għall-oġġett fih innifsu jew l-oġġett kumpless li jkun qed jiġi nnotifikat, is-sottomittent jista' jagħżel tip predefinit jew jiddefinixxih bħala xieraq skont il-prattiki tiegħu, u jdaħħal l-isem (valur) rispettiv. Pereżempju, it-tipi predefiniti huma, fost oħrajn, in-Numru Ewropew tal-Oġġetti-EAN, il-Kodiċi Universali tal-Prodotti-GPC, in-Numru tal-Oġġetti għall-Kummerċ Universali-GTIN, numru tal-katalogu u numru tal-parti.

Kull meta jkun meħtieġ, irid jiġi pprovdut identifikatur numeriku jew alfanumeriku ieħor biex, fil-bażi ta' *data* tal-SCIP, tkun possibbli identifikazzjoni inekwivoka tal-oġġett fih innifsu jew tal-oġġett kumpless kif ikun sar disponibbli jew tqiegħed fis-suq (l-entità tal-ogħla livell) marbut mal-informazzjoni sottomessa minn kwalunkwe utent tal-bażi ta' *data*. Pereżempju, għal oġġetti fihom infushom jew oġġetti kumplessi li jsiru disponibbli jew jitqiegħdu fis-suq għall-konsumaturi, identifikaturi li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom bħan-numru tal-barcode EAN, eż. fuq il-prodott, fuq it-tikketti, f'katalogi jew b'mezzi oħra, iridu jiġu inklużi fin-notifika kull meta jkun meħtieġ biex il-konsumaturi jiġu megħjuna jidentifikaw b'mod inekwivoku l-oġġett fih innifsu jew l-oġġett kumpless marbut mal-informazzjoni sottomessa fil-bażi ta' *data* tal-SCIP.

### 2.1.1.5 Kategorija tal-oġġett

Il-"Kategorija tal-oġġett" fil-bażi ta' *data* tal-SCIP, kif deskritt fit-Tabella 2, hija l-mod kif id-detenturi tad-dover jistgħu jipprovdu l-funzjoni jew l-użu tal-oġġett fih innifsu (b'sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati) jew tal-oġġett kumpless (li jinkorpora dawn l-oġġetti) fin-notifika tal-SCIP, minn lista armonizzata predefinita bbażata fuq it-Tariffa integrata tal-Unjoni Ewropea – il-lista TARIC, li tkun tinkludi l-kodiċijiet NM/TARIC u d-deskrizzjonijiet[34]. Il-lista TARIC tinkorpora l-kodiċijiet u d-deskrizzjonijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM)[35] kif stipulati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 u s-sottointestaturi speċifiċi tat-TARIC[36].[37]

L-informazzjoni fil-qosor dwar il-funzjoni jew l-użu tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless għandha l-għan li tipprovdi isem jew deskrizzjoni komuni li tinftiehem minn lista armonizzata. L-identifikazzjoni tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless ma tistax tiġi żgurata minn "isem l-oġġett" biss (it-Taqsima 2.1.1.1), minħabba li dan huwa attribwit għad-diskrezzjoni proprja tas-sottomittent u mhuwiex predefinit. Barra minn hekk, "isem l-oġġett" jista' jiġi pprovdut f'lingwa li mhijiex l-Ingliż u jista' ma jkun ifisser xejn għall-utenti tal-bażi ta' *data* tal-SCIP, b'mod partikolari għall-konsumaturi u għall-operaturi tal-iskart. Barra minn hekk, "isem l-oġġett" jista' ma jkun ifisser xejn għall-utenti tal-bażi ta' *data* tal-SCIP, minħabba li huwa element ewlieni biex tiġi ġestita d-data matul it-tħejjija u s-sottomissjoni tan-notifiki tal-SCIP u fil-Portal għas-Sottomissjonijiet tal-ECHA[31], u fid-diskrezzjoni proprja tas-sottomittent l-isem attribwit għal dan il-għan jista' ma jkunx ċar jew ma jinftiehemx faċilment minn dawk l-utenti.

Il-"Kategorija tal-Oġġett" (kodiċijiet u deskrizzjonijiet tan-NM/TARIC) hija wkoll element ewlieni biex tiġi appoġġata l-identifikazzjoni ta' flussi ta' skart milquta abbażi tal-funzjoni/tal-użu tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless (eż. tessuti, batteriji, kostruzzjoni u demolizzjoni, tagħmir

---

[34] Il-kodiċijiet u d-deskrizzjonijiet tan-NM/TARIC huwa isem ieħor mogħti lil-lista armonizzata predefinita ta' kategoriji ta' oġġetti inkluża fil-format tal-SCIP. Din il-lista tinkludi kodiċijiet u deskrizzjonijiet meħuda mil-lista TARIC. Il-lista TARIC hija magħrufa wkoll bħala s-sistema ta' klassifikazzjoni tal-prodotti tal-UE. Għal aktar informazzjoni ara n-nota 32 f'qiegħ il-paġna u l-paġna web tas-sistema ta' klassifikazzjoni tal-prodotti tal-UE: https://trade.ec.europa.eu/tradehelp/eu-product-classification-system

[35] Aktar informazzjoni dwar in-Nomenklatura Magħquda (NM) hija disponibbli fuq https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/calculation-customs-duties/what-is-common-customs-tariff/combined-nomenclature_en

[36] Aktar informazzjoni dwar it-TARIC hija disponibbli fuq https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/calculation-customs-duties/what-is-common-customs-tariff/taric_en

[37] Kemm it-TARIC kif ukoll in-Nomenklatura Magħquda huma ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea.

elettriku u elettroniku, vetturi li ma għadhomx jintużaw, imballaġġ), ladarba dan isir skart.

Barra minn hekk, minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tal-interessi kummerċjali abbażi tal-informazzjoni sottomessa lill-bażi ta' *data* tal-SCIP rigward oġġetti kumplessi kif jitqiegħdu fis-suq, l-ismijiet u l-identifikaturi sottomessi f'notifika tal-SCIP jiġu ddivulgati biss għall-oġġett kumpless tal-ogħla livell (l-entità tal-ogħla livell); madankollu, għall-komponenti u s-sottokomponenti (ara t-Taqsima 2 hawn fuq) huma biss l-isem u l-kategorija tal-oġġett – il-kodiċijiet u d-deskrizzjonijiet tan-NM/TARIC – li jkunu disponibbli għall-pubbliku fil-bażi ta' *data* tal-SCIP għall-identifikazzjoni tagħhom. Dan, pereżempju, jfisser li jekk ikun hemm notifika għal rota, l-informazzjoni dwar ir-rota, bħall-marka u l-mudell, tiġi ppubblikata; madankollu, jekk ir-rota tinkludi żewġ roti u tubi ta' ġewwa ta' ċerti marki u mudelli, din l-informazzjoni speċifika ma tkunx disponibbli, iżda l-bażi ta' *data* tal-SCIP turi li t-tubi ta' ġewwa (identifikati minn "isem l-oġġett" u "kategorija tal-oġġett" attribwiti magħhom) bħala komponent tar-roti u sottokomponent ta' dik ir-rota jinkludu sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati. Huwa tal-ogħla importanza li jiġu sottomessi l-kodiċi u d-deskrizzjoni tan-NM/TARIC xierqa taħt "kategorija tal-oġġett" għall-komponenti u s-sottokomponenti ta' oġġetti kumplessi, biex tkun possibbli l-identifikazzjoni tal-oġġetti li jinkludu s-sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati.

Għar-raġunijiet kollha spjegati hawn fuq u bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-objettivi u l-prattiċità tal-bażi ta' *data* tal-SCIP, dan ir-rekwiżit huwa obbligatorju. Fejn ikun iġġustifikat, il-lista predefinita tippermetti r-rappurtar ta' kategorija tal-oġġett mingħajr wisq dettall, dment li dan jippermetti l-identifikazzjoni tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless flimkien mal-isem/ismijiet ipprovduti skont ir-rekwiżiti "isem l-oġġett" u "isem/ismijiet oħra".

### 2.1.1.6 Produzzjoni fl-Unjoni Ewropea

Jekk l-informazzjoni tkun disponibbli, ir-rekwiżit ta' produzzjoni fl-Unjoni Ewropea għandu l-għan li jindika jekk l-oġġett jew l-oġġett kumpless ikunx prodott jew immuntat fl-UE. Is-sottomittent irid jipprovdi wieħed mill-valuri predefiniti li ġejjin:

- "prodott fl-UE", jekk l-oġġett jew l-oġġett kumpless ikun prodott jew immuntat fl-UE;
- "importat fl-UE", jekk l-oġġett jew l-oġġett kumpless jiġi importat fl-UE;
- "Kemm prodott kif ukoll importat fl-UE", jekk l-oġġett jew l-oġġett kumpless ikun kemm prodott jew immuntat fl-UE kif ukoll importat fl-UE;
- "L-ebda *data*", jekk id-*data* ma tkunx disponibbli għall-preżentatur jew jekk jiġi deċiż li din id-*data* ma tiġix sottomessa.

Dan huwa rekwiżit ta' informazzjoni "meħtieġ", minħabba li teżisti l-opzjoni li tiġi indikata "L-ebda *data*".

## 2.1.2 Karatteristiċi u stampa/stampi

Fin-notifika tal-SCIP, l-inklużjoni ta' informazzjoni addizzjonali rilevanti u disponibbli rigward karatteristiċi rilevanti tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless tista' ssir mis-sottomittent. Dawk il-karatteristiċi jistgħu jgħinu biex tkun possibbli l-identifikazzjoni speċifika ta' dak l-oġġett jew l-oġġett kumpless fil-bażi ta' *data* tal-SCIP. Jistgħu jgħinu wkoll biex issir distinzjoni bejn l-oġġett jew l-oġġett kumpless li jkun qed jiġi nnotifikat u oġġetti jew oġġetti kumplessi magħmula disponibbli jew imqiegħda fis-suq tal-UE mis-sottomittent jew minn atturi oħra fis-suq. F'dan il-kuntest, karatteristika tfisser karatteristika, kwalità jew proprjetà tal-oġġett fih innifsu jew tal-oġġett kumpless, bħal dawk elenkati fit-Tabella 3. Meta jingħata l-valur għal karatteristika li magħha tkun assoċjata unità tal-kejl, dik l-unità għandha tiġi pprovduta wkoll.

Huwa wkoll possibbli li tiġi inkluża stampa jew identifikazzjoni viżwali oħra tal-oġġett fih innifsu jew tal-oġġett kumpless li jkun qed jiġi nnotifikat fin-notifika tal-SCIP, jekk din tgħin biex dan jiġi identifikat jew rikonoxxut aħjar.

⚠ Huwa rakkomandat li l-istampa sottomessa ma tinkludix elementi li jwasslu għall-identifikazzjoni ta' xi fornitur tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless. Huwa rakkomandat

ukoll li l-istampa ma tkunx tinkludi xi wieħed mill-identifikaturi elenkati fit-Tabella 2, għajr isem l-oġġett u l-kategorija tal-oġġett, meta din tiddaħħal fin-notifika tal-SCIP bħala komponent ta' oġġett kumpless.

It-Tabella 3 telenka u tiddeskrivi fil-qosor ir-rekwiżiti fakultattivi rigward l-identifikazzjoni viżwali u l-karatteristiċi ta' oġġetti fihom infushom u oġġetti kumplessi f'notifika tal-SCIP.

**Tabella 3: Karatteristiċi u stampa/stampi**

| Rekwiżit | Deskrizzjoni | M/R/O** |
|---|---|---|
| **Stampa/stampi*** | Ipprovdi identifikazzjoni viżwali tal-oġġett fih innifsu jew tal-oġġett kumpless. | O |
| | **Karatteristiċi** | |
| **Għoli** ***[valur u unità]*** | Ipprovdi l-għoli tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless u l-unità tal-kejl rispettiva. | O |
| **Tul** ***[valur u unità]*** | Ipprovdi t-tul tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless u l-unità tal-kejl rispettiva. | O |
| **Wisa'** ***[valur u unità]*** | Ipprovdi l-wisa' tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless u l-unità tal-kejl rispettiva. | O |
| **Dijametru** ***[valur u unità]*** | Ipprovdi d-dijametru tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless u l-unità tal-kejl rispettiva. | O |
| **Densità** ***[valur u unità]*** | Ipprovdi d-densità u l-unità rispettiva. | O |
| **Piż** ***[valur u unità]*** | Ipprovdi l-piż tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless u l-unità tal-kejl rispettiva. | O |
| **Volum** ***[valur u unità]*** | Ipprovdi l-volum tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless u l-unità tal-kejl rispettiva. | O |
| **Kulur** | Ipprovdi l-kulur jew il-kuluri. | O |
| **Karatteristiċi oħra*** ***[Identifikazzjoni u valur]*** | Ipprovdi karatteristika/karatteristiċi oħra li mhumiex elenkati hawn fuq. Xi eżempji jistgħu jinkludu standard ta' kwalità li l-oġġett jew l-oġġett kumpless ikun jikkonforma miegħu, jew karatteristika speċifika tal-oġġett bħall-opaċità tal-karta. | O |

*Ripettibbli. F'dan ir-rekwiżit, is-sottomittent jista' jipprovdi l-informazzjoni kemm-il darba jkun meħtieġ. Eż. Taħt "Stampa", tista' tiġi pprovduta aktar minn rappreżentazzjoni waħda billi jiżdiedu kampijiet addizzjonali għal dan ir-rekwiżit.
** M = Obbligatorju; R = Meħtieġ; O = Fakultattiv.

Ir-rekwiżit "Karatteristiċi oħra" ma jistax jintuża biex tiġi inkluża informazzjoni rigward is-sottomissjoni ta' informazzjoni li trid tiġi inkluża skont ir-rekwiżiti "komponent(i) ta' oġġett(i) kumpless(i)" u "elementi ta' tħassib" (it-Tabelli 5 u 6 hawn taħt, rispettivament).

## 2.1.3 Struzzjonijiet għall-użu sikur

Meta jkun meħtieġ, fin-notifiki tal-SCIP rispettivi jridu jiġu pprovduti struzzjonijiet biex jiġi żgurat l-użu sikur mill-oġġett li jkun jinkludi sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati jew mill-oġġett kumpless

li jinkorpora tali oġġetti tul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ, inklużi l-ħajja operattiva, l-iżmantellar u l-istadju tal-iskart/tar-riċiklaġġ.[38] Pereżempju, meta l-esponiment jista' jiġi eskluż fl-istadji kollha tal-ħajja, inkluż ir-rimi, mhuwiex meħtieġ li tiġi pprovduta xi struzzjoni partikolari fin-notifika tal-SCIP għal użu sikur mill-oġġett li jkun jinkludi sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati. Meta jkun meħtieġ, l-istruzzjoni(jiet) għall-użu sikur iridu jippermettu li, fl-istadju tagħhom tal-użu mill-oġġett, l-atturi fil-katina ta' provvista u l-konsumaturi kollha jieħdu l-miżuri xierqa ta' ġestjoni tar-riskju biex jiggarantixxu l-użu sikur mill-oġġetti li jkunu jinkludu s-sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati.[19] Tista' tkun inkluża wkoll informazzjoni li tkun meħtieġa biex jiġi żgurat immaniġġjar xieraq tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless, ladarba dan isir skart.[26]

Fejn rilevanti, jistgħu jiġu pprovduti wkoll struzzjonijiet speċifiċi li jiddeskrivu kif għandu jsir l-iżmantellar sikur tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless.

It-Tabella 4 telenka u tiddeskrivi r-rekwiżiti li jikkonċernaw l-istruzzjonijiet għall-użu sikur u l-istruzzjonijet ta' żmantellar li jridu jiġu pprovduti f'notifika tal-SCIP.

**Tabella 4: Struzzjoni(jiet) għall-użu sikur u struzzjoni(jiet) ta' żmantellar**

| Rekwiżit | Deskrizzjoni | M/R/O** |
|---|---|---|
| | **Struzzjoni(jiet) għall-użu sikur** | |
| ⚠ ***"L-identifikazzjoni tas-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati hija biżżejjed biex tippermetti użu sikur mill-oġġett tul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ, inklużi l-ħajja operattiva, l-iżmantellar u l-istadju tal-iskart/tar-riċiklaġġ"*** | Ipprovdi din id-dikjarazzjoni biex turi li tkun twettqet valutazzjoni skont il-linji gwida fis-Sottokapitoli 3.2.1 u 3.4.1 tal-Gwida SiA, u li ntlaħqet konklużjoni li mhuwiex meħtieġ li jiġu pprovduti struzzjonijiet għall-użu sikur f'notifika tal-SCIP biex jiġi żgurat użu sikur mill-oġġett jew l-oġġett kumpless li qed jiġi rrappurtat. Jiġifieri l-identifikazzjoni tas-sustanza/sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati tkun biżżejjed biex tippermetti użu sikur mill-oġġett fih innifsu li jinkludi sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati, jew mill-oġġett kumpless li jinkorpora oġġetti li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati li jkunu qed jiġu rrappurtati, u dan tul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tagħhom inklużi l-ħajja operattiva, l-iżmantellar u l-istadju tal-iskart/tar-riċiklaġġ. | #R |
| **Struzzjoni(jiet) għall-użu sikur*** | Ipprovdi struzzjoni(jiet) sempliċi, ċari u qosra biex tiżgura użu sikur mill-oġġett jew mill-oġġett kumpless li jkun qed jiġi rrappurtat. Jiġifieri struzzjonijiet meqjusa bħala suffiċjenti biex jippermettu użu sikur mill-oġġett fih innifsu li jinkludi sustanza/sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati, jew mill-oġġett kumpless li jinkorpora oġġetti li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati li jkunu qed jiġu rrappurtati. Meta jitqies bħala meħtieġ, dawn iridu jkopru ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tagħhom, inklużi l-ħajja operattiva, l-iżmantellar u l-istadju tal-iskart/tar-riċiklaġġ. Dawn l-istruzzjonijiet għandhom jirriżultaw minn valutazzjoni mwettqa skont il-linji gwida fis-Sottokapitoli 3.2.1 u 3.4.1 tal-Gwida SiA. | |
| | **Struzzjoni(jiet) ta' żmantellar** | |
| **Struzzjonijiet ta' żmantellar*** | Ipprovdi struzzjonijiet speċifiċi li jiddeskrivu kif għandu jsir l-iżmantellar sikur tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless billi ttella' dokument wieħed jew aktar f'format definit. Speċifika l-lingwa użata fid-dokument(i). | O |

*Ripettibbli. Is-sottomittent jista' jipprovdi kemm ikunu meħtieġa struzzjonijiet biex jipprovdi l-

[38] Dan huwa spjegat f'aktar dettall fis-Sottokapitoli 3.2.1 u 3.4.1 tal-Gwida SiA.

informazzjoni meħtieġa relatata mal-oġġett fih innifsu jew mal-oġġett kumpless.
** M = Obbligatorju; #R = Meħtieġ (iżda l-identifikazzjoni tas-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati tista' tkun biżżejjed f'xi każijiet); O = Fakultattiv.

⚠ Irid jiġi ssodisfat mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti għall-istruzzjonijiet għall-użu sikur, jiġifieri jew tiġi pprovduta d-dikjarazzjoni mmarkata bi ⚠ fit-Tabella 4 u ma jkunx meħtieġ li tiġi sottomessa *data* skont l-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD skont l-Artikolu 33 ta' REACH, jew ikun meħtieġ li jiġu sottomessi struzzjonijiet għall-użu sikur fin-notifika tal-SCIP skont l-istess dispożizzjonijiet.

⚠ Ir-rekwiżit "Struzzjoni(jiet) għall-użu sikur" ma jistax jintuża biex tiġi inkluża informazzjoni rigward is-sottomissjoni ta' informazzjoni li trid tiġi inkluża skont ir-rekwiżiti "komponent(i) ta' oġġett(i) kumpless(i)" u "elementi ta' tħassib" (it-Tabelli 5 u 6 hawn taħt, rispettivament).

Meta jiġi vvalutat l-użu sikur minn oġġett matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ, huwa importanti li jitqies li n-nies jistgħu jiġu esposti għal sustanzi rilaxxati mill-oġġetti eż. billi jibilgħu bin-nifs xi gassijiet jew partiċelli (rotta tal-inalazzjoni), b'kuntatt mal-ġilda (rotta dermali), jew billi jibilgħu (inġestjoni/rotta orali). Is-sustanzi jistgħu jiġu rrilaxxati mill-oġġetti għal ġol-kompartimenti ambjentali differenti (l-ilma, l-arja, il-ħamrija u s-sedimenti). Iridu jitqiesu r-rotot ta' esponiment kollha fiċ-ċikli tal-ħajja kollha (il-ħajja operattiva tal-oġġett u l-istadju tal-iskart) meta jiġi vvalutat il-potenzjal għall-esponiment.

Il-potenzjal għal rilaxx ta' sustanza minn oġġett jiddependi, pereżempju, minn:

- Il-karatteristiċi fiżikokimiċi **tas-sustanza**, bħall-piż molekulari, il-pressjoni tal-fwar, is-solubbiltà tal-ilma, l-istabbiltà f'kuntatt mal-arja, mal-ilma, eċċ.
- L-istruttura u l-kimika **tal-matriċi tal-oġġett**, inklużi l-parametri fiżikokimiċi u l-mod kif is-sustanza tkun inkorporata fih (marbuta b'mod kimiku jew le). L-istabbiltà tal-matriċi tal-oġġett u r-rabtiet bejn is-sustanza u l-matriċi matul l-istadji differenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-oġġett.
- Il-konċentrazzjoni tas-sustanza fl-oġġett jew fil-partijiet integrali tiegħu (eż. kisjiet).
- **Il-kundizzjonijiet ta' użu u tar-rimi** tal-oġġett, bħal:
    - Il-post tal-użu (użu ġewwa jew barra, djar privati, post tax-xogħol, eċċ.).
    - Il-kundizzjonijiet fiżiċi fil-post tal-użu (temperatura, ventilazzjoni, eċċ.).
    - Irrispettivament minn jekk ikunx inkorporat f'oġġett kumpless, u kif.
    - Irrispettivament minn jekk jiġix ipproċessat ulterjorment.
    - Irrispettivament minn jekk ikunx parti minn skema komprensiva ta' ġbir ta' skart.
    - Irrispettivament minn jekk ikunx soġġett għal brix (matul it-tkagħbir bl-użu normali).
    - It-teknoloġija tar-rimi jew tat-trattament.

Xi sustanzi kimiċi jkunu marbutin bil-qawwa fil-materjal, u għalhekk l-emissjoni potenzjali ta' dawn is-sustanzi matul l-użu hija baxxa. Xi sustanzi oħra jkunu inkorporati b'inqas qawwa f'matriċi, eż. addittivi għat-trattib fil-PVC. Dawn is-sustanzi, bħal ftalati, jiġu emessi kontinwament minn wiċċ l-oġġett. Xi sustanzi jistgħu jiġu rilaxxati wkoll permezz tat-tkagħbir bl-użu normali tal-oġġetti (brix). F'dan il-każ, is-sustanzi jiġu rilaxxati flimkien mal-matriċi tal-oġġett, eż. sustanzi fit-tajers tal-karozzi. Barra minn hekk, huwa importanti wkoll li jittieħed inkunsiderazzjoni li l-karatteristiċi fiżikokimiċi inerenti tas-sustanza u tal-matriċi tal-oġġett, jew xi kisja speċjali tal-oġġett, jistgħu jipprevienu li s-sustanza timmigra 'l barra minnhom.

## 2.2 Rekwiżiti addizzjonali għal oġġetti kumplessi biss

Il-bażi ta' *data* tal-SCIP trid tinkludi informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-oġġett speċifiku li jinkludi s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati, b'mod partikolari l-"post" fejn ikun jinsab meta dan ikun inkorporat f'oġġett kumpless. Meta l-oġġett jiġi inkorporat f'oġġett kumpless, dan l-oġġett irid jiġi identifikat fi ħdan dan l-oġġett kumpless, kif ukoll l-oġġett kumpless innifsu li jinkorpora l-oġġett. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-oġġett ikun inkorporat fi ħdan sottokomponenti u komponenti li jkunu oġġetti kumplessi ta' oġġett kumpless akbar.

Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni speċifikati f'din it-taqsima japplikaw għal oġġetti kumplessi biss, meta jkunu entità tal-ogħla livell jew inkella komponent ta' oġġett kumpless (entità *komponent*). Għal kull oġġett kumpless, in-notifika tal-SCIP trid tinkludi l-informazzjoni dwar kull wieħed mill-komponenti kkonċernati tiegħu, li jistgħu jkunu jew oġġett kumpless ieħor jew inkella oġġett fih innifsu (il-Figura 2). It-terminu komponent ikkonċernat ifisser oġġetti fihom infushom li jinkludu sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati jew inkella oġġett kumpless (komponent tal-oġġett kumpless "prinċipali") li jinkorpora dawn l-oġġetti.

### 2.2.1 Komponent(i) ta' oġġett(i) kumpless(i)

It-Tabella 5 telenka u tiddeskrivi r-rekwiżiti li jikkonċernaw il-komponenti ta' oġġett kumpless (ta' oġġett kumpless "prinċipali").

**Tabella 5: Komponent(i) ta' oġġett(i) kumpless(i) (għal oġġetti kumplessi biss)**

| Rekwiżit | Deskrizzjoni | M/R/O** |
|---|---|---|
| **Komponent(i) ta' oġġett(i) kumpless(i)*** | Ipprovdi links għal komponent (komponent ta' oġġett kumpless jew inkella komponent li jkun oġġett fih innifsu) tal-oġġett kumpless, u ssodisfa r-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 2.1 għal dak il-komponent. Jekk il-komponent li tingħata l-link għalih ikun oġġett kumpless, allura r-rekwiżiti f'din it-tabella jridu jiġu pprovduti għal dak il-komponent. Jekk il-komponent li tingħata l-link għalih ikun oġġett fih innifsu, allura r-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 2.3 għall-elementi ta' tħassib iridu jiġu pprovduti għal dak l-oġġett.<br><br>Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal oġġett fih innifsu. | M (applikabbli biss għal oġġetti kumplessi) |
| **Għadd ta' unitajiet*** | Ipprovdi l-għadd ta' okkorrenzi tal-komponent li tingħata l-link għalih fl-oġġett kumpless.<br><br>Eżempju: Fl-eżempju tar-rota li jidher fil-Figura 3, hemm żewġ unitajiet tar-rota u żewġ unitajiet tal-manku tal-manubriju fir-rota. Għar-rota, hemm unità waħda tat-tajer u unità waħda tat-tubu ta' ġewwa fir-rota. Fl-unità tat-tubu ta' ġewwa, hemm tubu wieħed f'għamla ta' doughnut.<br><br>Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal oġġett fih innifsu. | O |

*Ripettibbli. Is-sottomittent jista' jinkludi link għal kemm ikunu meħtieġa komponenti u għall-għadd rispettiv ta' unitajiet biex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa relatata mal-oġġett kumpless.
** M = Obbligatorju; R = Meħtieġ; O = Fakultattiv.

Id-dijagramma sekwenzjali fil-Figura 2 turi kif ir-rekwiżit għall-komponent(i) ta' oġġett(i) kumpless(i) jista' jiġi ssodisfat meta titħejja notifika tal-SCIP.

Biex jintwera aħjar kif għandhom jaħdmu r-rekwiżiti fit-Tabella 5, wara d-dijagramma sekwenzjali fil-Figura 2, il-Figura 3 turi kif ir-rekwiżiti ta' informazzjoni huma organizzati u strutturati f'notifika tal-SCIP għal rota ipotetika mqiegħda fis-suq tal-UE minn montatur tal-UE jew importatur tal-UE[39], li tkun tinkorpora bosta oġġetti li jinkludu sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati (> 0.1 % w/w), jiġifieri ż-(2) mankijiet tal-manubriju, iż-(2) tajers u ż-(2) tubi flessibbli f'għamla ta' doughnut. L-informazzjoni f'notifika tal-SCIP għal din ir-rota ipotetika għandha tikkonċerna biss dawk l-oġġetti u l-"post" fejn ikunu jinsabu fir-rota.

Meta titħejja u tinħoloq notifika tal-SCIP għal din ir-rota (ipotetika) mqiegħda fis-suq, mid-definizzjoni tagħha r-rota tkun oġġett kumpless u entità tal-ogħla livell f'dik in-notifika. Għalhekk, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 2.1 trid tiġi inkluża fin-notifika tal-SCIP, jiġifieri informazzjoni li tikkonċerna l-identifikaturi u l-kategorizzazzjoni (it-Taqsima 2.1.1), il-karatteristiċi u l-istampa/l-istampi (it-Taqsima 2.1.2), u l-istruzzjoni(jiet) għall-użu sikur (it-Taqsima 2.1.3), kif jidher fil-Figura 3 skont is-simboli rispettivi. Ir-rota tinkorpora żewġ komponenti kkonċernati li jridu jiġu inklużi fin-notifika tal-SCIP: il-manku tal-manubriju (2 unitajiet), li huwa oġġett fih innifsu li jinkludi sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati, u rota (2 unitajiet), li hija oġġett kumpless. Ir-rota (li hija oġġett kumpless) tinkorpora wkoll żewġ komponenti kkonċernati, it-tajer (unità waħda) li huwa oġġett fih innifsu, u t-tubu ta' ġewwa bl-istemma tal-valv (unità waħda), li huwa oġġett kumpless. It-tubu ta' ġewwa jinkorpora biss oġġett fih innifsu kkonċernat, it-tubu flessibbli f'għamla ta' doughnut (unità waħda).

Minn din id-deskrizzjoni, l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont ir-rekwiżiti fit-Tabella 5 tista' tiġi strutturata fin-notifika tal-SCIP għar-rota (ipotetika) (kif imqiegħda fis-suq – entità tal-ogħla livell), billi tingħata link għall-komponenti u s-sottokomponenti kif meħtieġ, kif jidher fil-Figura 3.

[39] Dan l-eżempju jsegwi mill-qrib l-Eżempju 23 fl-Appendiċi 6 tal-Gwida SiA.

**Figura 3: Eżempju ta' kif ir-rekwiżiti ta' informazzjoni jiġu organizzati u strutturati f'notifika tal-SCIP għal rota mqiegħda fis-suq tal-UE minn montatur jew importatur.**




Dan l-eżempju juri wkoll li minħabba l-għadd relattivament baxx ta' oġġetti li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati meta mqabbel mal-għadd totali ta' oġġetti inkorporati f'oġġett kumpless, hija biss parti żgħira mill-istruttura sħiħa ta' oġġett kumpless li trid tiġi pprovduta f'notifika tal-SCIP.

Fin-notifika tal-SCIP għar-rota, il-manku tal-manubriju (żewġ unitajiet) u r-rota (żewġ unitajiet) iridu jiġu rrappurtati bħala komponenti tal-oġġett kumpless ta' dik l-entità tal-ogħla livell (il-Figura 2).

Rigward il-manku tal-manubriju (oġġett fih innifsu), l-informazzjoni li tikkonċerna r-rekwiżiti fit-Taqsima 2.1 trid tiġi pprovduta fin-notifika tal-SCIP fi blokka ta' informazzjoni oħra msejħa entità *komponent*, li trid tinkludi wkoll l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fit-taqsima li jmiss (it-Taqsima 2.3) rigward l-elementi ta' tħassib. Meta, għall-manku tal-manubriju, tiġi inkluża din l-entità *komponent* bħala komponent ta' oġġett kumpless, inkunu qed norbtu l-komponent tal-manku tal-manubriju mal-oġġett kumpless "prinċipali", ir-rota. Rigward ir-rota (oġġett kumpless) bħala komponent tar-rota, ir-rekwiżiti indirizzati fit-Taqsima 2.1 ta' dan id-dokument iridu jiġu pprovduti fin-notifika tal-SCIP fl-entità *komponent* rispettiva (blokka ta' informazzjoni indipendenti) marbuta mal-entità tal-ogħla livell, ir-rota. Ir-rekwiżiti f'din it-taqsima għandhom jiġu pprovduti wkoll f'dik l-entità *komponent* maħluqa għar-rota, jiġifieri l-komponenti li huma t-tajer (unità waħda) u t-tubu ta' ġewwa (unità waħda) iridu jintrabtu mal-

oġġett kumpless "prinċipali", li f'dan il-każ huwa r-rota (il-Figura 2). Għalhekk, iridu jinħolqu żewġ entitajiet *komponenti* oħra għat-tajer u għat-tubu ta' ġewwa fi ħdan ir-rekwiżiti indirizzati f'din it-taqsima għall-komponenti tar-rota (it-Tabella 5). L-istess raġunament japplika għall-komponent tat-tubu ta' ġewwa, it-tubu flessibbli f'għamla ta' doughnut.

L-entitajiet *komponenti* maħluqa għall-manku tal-manubriju, it-tajer u t-tubu flessibbli f'għamla ta' doughnut (kollha oġġetti fihom infushom) bħala komponenti tal-oġġett kumpless li huma r-rota, ir-rota u t-tubu ta' ġewwa, rispettivament (il-Figura 2), iridu jinkludu l-informazzjoni meħtieġa mir-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 2.1 u fit-Taqsima 2.3., ir-rekwiżiti għall-elementi ta' tħassib, li huma applikabbli biss għal oġġetti fihom infushom.

Mill-eżempju tar-rota li jidher u li huwa spjegat hawn fuq, huwa possibbli li jiġi konkluż li taħt it-taqsima tal-komponent(i) ta' oġġett(i) kumpless(i) f'notifika tal-SCIP għal entità tal-ogħla livell li tkun oġġett kumpless, jew għal entitajiet *komponenti* oħra maħluqa għal oġġetti kumplessi fi ħdan dik in-notifika, is-sottomittent qed jorbot il-komponenti (komponent tal-oġġett kumpless jew komponent li huwa oġġett fih innifsu) mal-oġġett kumpless "prinċipali" rispettiv. Ma hemmx limitu għal kemm jistgħu jiġu ddefiniti livelli ta' "tibjit" ta' oġġetti kumplessi f'oġġett kumpless. Il-Figura 4 turi rappreżentazzjoni differenti tal-eżempju tar-rota deskritt hawn fuq biex turi kif l-informazzjoni tiġi pprovduta fi ħdan kull entità *komponent*, b'kull waħda minnhom taħdem bħala "envelop" għall-informazzjoni li għandha tiġi inkluża għal kull komponent tal-oġġett kumpless marbut, jiġifieri turi kif l-informazzjoni għall-komponenti u s-sottokomponenti tar-rota tiġi mbejta fin-notifika tal-SCIP skont ir-rekwiżit tal-komponent(i) ta' oġġett(i) kumpless(i) (ir-rettangoli s-suwed).

Il-Figura 4 turi wkoll li d-*data* li għandha tiġi pprovduta biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti skont it-Taqsima 2.1 u din it-taqsima għandha titqies bħala blokka ta' informazzjoni rikorrenti għal oġġetti kumplessi li, suċċessivament, jinkorporaw oġġetti kumplessi oħra bħala komponenti sakemm il-katina tagħlaq meta l-komponent tal-oġġett kumpless marbut ikun oġġett fih innifsu li jinkludi s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati (il-Figura 2), li għalih trid tiġi pprovduta *data* biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti skont it-Taqsima 2.3 għall-elementi ta' tħassib.

Skont il-format tal-SCIP, f'notifika tal-SCIP, kwalunkwe oġġett li għalih tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar l-elementi ta' tħassib skont it-Taqsima 2.3 jiġi ssettjat bħala oġġett fih innifsu, billi ma jistax ikollu komponenti. Dan jirriżulta mill-fatt li oġġett fih innifsu huwa mifhum bħala l-unità l-aktar granulari jew bażika, li fiha jista' jeżisti oġġett wara li jiġi prodott.

**Figura 4: Eżempju ta' kif l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont ir-rekwiżit fl-ewwel ringiela tat-Tabella 5 tiġi mbejta fin-notifika tal-SCIP tar-rota (ipotetika).**



## 2.3 Rekwiżiti addizzjonali għal oġġetti fihom infushom biss

Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni speċifikati f'din it-taqsima japplikaw għal oġġetti biss, jew fihom infushom jew f'oġġetti kumplessi, iżda mhux għal oġġetti kumplessi. Dan ġie spjegat fil-qosor fit-taqsima preċedenti.

Sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati tista' tiġi inkorporata f'oġġett (fil-matriċi tiegħu) matul il-produzzjoni tiegħu, meta l-oġġett ikun magħmul minn sustanza waħidha fuq il-Lista ta' Kandidati jew minn taħlita li fil-kompożizzjoni tagħha tkun tinkludi sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati. Din tista' tiġi inkorporata wkoll aktar tard f'/fuq oġġett eżistenti matul pass ulterjuri fl-ipproċessar, billi tintuża s-sustanza waħidha fuq il-Lista ta' Kandidati jew sustanza f'taħlita (eż. kisjiet, primituri, adeżivi, siġillanti) u għalhekk is-sustanza jew it-taħlita ssir parti integrali mill-oġġett. Sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati jistgħu jkunu preżenti f'oġġetti għal raġunijiet oħra wkoll, b'mod partikolari bħala impuritajiet dovuti għal, pereżempju, trasformazzjoni jew degradazzjoni kimika matul il-produzzjoni u l-ipproċessar ulterjuri tal-oġġetti.

Taħt l-elementi ta' tħassib, il-preżentatur huwa meħtieġ jidentifika s-sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati li jkunu preżenti fl-oġġett, f'liema firxa tal-konċentrazzjoni, u f'liema materjal tkun preżenti s-sustanza bħala parti mill-kompożizzjoni kimika tal-oġġett.

### 2.3.1 Elementi ta' tħassib

L-elementi ta' tħassib jassoċjaw il-kompożizzjoni kimika rilevanti għall-oġġett fin-notifika tal-SCIP. Dan jinkludi l-informazzjoni bażika rilevanti li trid tittieħed inkunsiderazzjoni flimkien mal-funzjoni jew l-użu tal-oġġett (it-Taqsima 2.1.1.5) u, jekk dan ikun il-każ, ma' fejn dan ikun jinsab f'oġġett kumpless (it-Taqsima 2.2.1), fost informazzjoni rilevanti oħra disponibbli biex jiġi identifikat ir-rilaxx potenzjali tas-sustanza mill-oġġett, li għandu jservi ta' bażi biex jiġi vvalutat l-użu sikur mill-oġġett billi jitqiesu l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, inkluż meta jsir skart (it-Taqsima 2.1.3). Dik il-valutazzjoni għandha twassal għad-deċiżjoni dwar jekk l-istruzzjonijiet għall-użu sikur għandhomx jiġu pprovduti skont ir-rekwiżiti stipulati fit-Tabella 4. Barra minn hekk, l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għar-rekwiżiti tal-elementi ta' tħassib hija importanti għall-fażi tat-trattament tal-iskart fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-oġġett, biex jiġi żgurat trattament xieraq tal-oġġett ladarba jsir skart u biex ikunu possibli l-identifikazzjoni u t-trattament effettiv tal-iskart li jinkludi sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati, eż. billi titnaqqas il-preżenza tagħhom f'materjali riċiklati, sabiex jitrawmu r-riċiklaġġ f'ċikli ta' materjal mhux tossiku u l-produzzjoni ta' materja prima sekondarja ta' kwalità għolja.

It-Tabella 6 telenka u tiddeskrivi fil-qosor ir-rekwiżiti għall-elementi ta' tħassib ta' oġġett f'notifika tal-SCIP.

**Tabella 6: Elementi ta' tħassib (esklużivament għal oġġetti li jinkludu sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w)**

| **Element(i) ta' tħassib*** | | **M** |
|---|---|---|
| **Rekwiżit speċifiku** | **Deskrizzjoni** | **M/R/O**** |
| **Sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati***[1] | Ipprovdi l-identifikazzjoni tas-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati preżenti fl-oġġett, kif inhi inkluża fil-Lista ta' Kandidati uffiċjali ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna għall-Awtorizzazzjoni (ippubblikata f'konformità mal-Artikolu 59(10) tar-Regolament REACH). | M |

| Element(i) ta' tħassib* | | M |
|---|---|---|
| **Rekwiżit speċifiku** | **Deskrizzjoni** | **M/R/O**** |
| **Firxa tal-konċentrazzjoni***[1] | Ipprovdi l-konċentrazzjoni tas-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati fl-oġġett f'termini tal-firxiet tal-konċentrazzjoni ta' piż skont il-piż (w/w).<br>Il-firxa tal-konċentrazzjoni (perċentwal ta' w/w) tiġi pprovduta minn lista ta' firxiet predefiniti, li waħda minnhom hija l-firxa sħiħa li tiskatta l-obbligu ta' notifika tal-SCIP:<br>> 0.1 % w/w u ≤ 100 % w/w. | R |
| **Kategoriji tal-materjal jew tat-taħlit** | | |
| **Kategorija tal-materjal***[2] | Ipprovdi l-identifikazzjoni tal-materjal li l-oġġett ikun magħmul minnu (il-*matriċi tal-oġġett*) fejn tkun preżenti s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati.<br>L-identifikazzjoni tal-materjal li l-oġġett ikun magħmul minnu (il-*matriċi tal-oġġett*) tiġi pprovduta minn lista predefinita ta' kategoriji ta' materjali, stabbilita mill-ECHA (l-Appendiċi 1). Il-lista tinkludi kategoriji wiesgħa ġenerali, li kull waħda minnhom tinkludi sottokategoriji, għajr il-kategorija "Oħrajn". Kull kategorija, għajr il-kategorija "Oħrajn", tinkludi mill-inqas sottokategorija wiesgħa waħda li għandha l-għan li tissodisfa dan ir-rekwiżit għal materjali li mhumiex koperti minn sottokategoriji oħra fi ħdan kategorija partikolari. Meta jkun iġġustifikat, dawn (kif ukoll il-kategorija "Oħrajn") jippermettu wkoll ir-rappurtar ta' informazzjoni mingħajr wisq dettall, inkluż meta ma tkunx disponibbli informazzjoni aktar dettaljata. | #M |
| **Karatteristika(Karatteristiċi) materjali addizzjonali***[2] | Meta jkun rilevanti, ipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar il-materjal li l-oġġett ikun magħmul minnu minn lista predefinita ta' karatteristiċi[40], jew inkella billi tinkludi karatteristika rilevanti[40]. Dan ir-rekwiżit jikkomplementa r-rekwiżit preċedenti dwar il-"kategorija tal-materjali" fil-forniment ta' deskrizzjoni aħjar tal-materjal li oġġett ikun magħmul minnu. | O |

[40] It-terminu "karatteristika" jew "karatteristiċi" (tal-materjal li minnu jkun magħmul oġġett) f'din ir-ringiela ma jridx jiġi mfixkel mal-"karatteristiċi" msemmija fit-Tabella 3, li jirreferu għall-karatteristiċi tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless li jkun qed jiġi rrappurtat.

| **Element(i) ta' tħassib*** | | **M** |
|---|---|---|
| **Rekwiżit speċifiku** | **Deskrizzjoni** | **M/R/O**** |
| **Kategorija tat-taħlit** | Meta jkun rilevanti, ipprovdi l-identifikazzjoni ta' taħlita li tinkludi s-sustanza/sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati inkorporata fil-pass ulterjuri fl-ipproċessar (eż. il-kisi) ta' oġġett, jew inkorporata meta jitgħaqqdu jew jiġu mmuntati żewġ oġġetti jew aktar f'oġġett kumpless (eż. adeżiv, saldatura).<br><br>Dik l-identifikazzjoni tiġi pprovduta minn lista predefinita ta' kategoriji tat-taħlit (is-sistema Ewropea tal-kategorizzazzjoni ta' prodott (EuPCS), li tintuża biex jiġi deskritt "l-użu intenzjonat ta' taħlita"[41]). L-EuPCS tinkludi kategoriji wiesgħa. Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' notifika tal-SCIP, dawn il-kategoriji wiesgħa għandhom l-għan prinċipali li jissodisfaw dan ir-rekwiżit, meta jkun iġġustifikat, u mingħajr ma jkunu dettaljati wisq, inkluż meta ma tkunx disponibbli informazzjoni aktar dettaljata.<br><br>Il-kategorija tat-taħlit tippermetti li jiġi identifikat fejn fl-oġġett tkun preżenti sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati, pereżempju jekk is-sustanza ma tkunx preżenti fil-materjal prinċipali tal-matriċi tal-oġġett. Din hija meħtieġa wkoll għal dak il-għan għal ċerti oġġetti li jitqiesu bħala oġġetti li jinkudu sustanza/taħlita integrali, skont il-Kapitolu 2 tal-Gwida SiA (eż. termometru bil-likwidu u l-batterja), fejn il-kategorija tal-materjal ma tkunx xierqa. | #M ⚠ |

*Ripetibbli bħala blokka; *[1]Ripetibbli; *[2]Ripetibbli flimkien (bħala blokka). F'dan ir-rekwiżit, il-preżentatur jista' jipprovdi informazzjoni kemm-il darba jkun meħtieġ, bħala blokka, individwalment jew flimkien, biex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa.
** M = Obbligatorju, #M = Obbligatorju li tiġi pprovduta mill-inqas il-kategorija tal-materjal jew il-kategorija tat-taħlit skont kull rekwiżit; R = Meħtieġ (iżda tkun disponibbli opzjoni b'firxa wiesgħa); O = Fakultattiv.

⚠ Huwa obbligatorju li tintgħażel kategorija tal-materjal jew kategorija tat-taħlit, biex tiġi sottomessa notifika tal-SCIP kif meħtieġ mill-format tal-SCIP. Madankollu, il-kategorija "Oħrajn" u sottokategoriji wiesgħa (fi ħdan il-kategoriji) huma disponibbli mil-listi predefiniti, li ma jeħtieġx il-forniment ta' informazzjoni dettaljata f'ċerti sitwazzjonijiet, iġġustifikati, pereżempju meta l-informazzjoni ma tkunx disponibbli għas-sottomittent. Minkejja dan, is-sottomittent dejjem jitħeġġeġ jikseb informazzjoni aktar dettaljata mill-fornituri tiegħu, biex jappoġġa aħjar l-objettivi tal-bażi ta' *data* tal-SCIP (it-Taqsima 1.1). Is-sottomittenti jistgħu jipprovdu wkoll kemm kategorija tal-materjal kif ukoll kategorija tat-taħlit, jekk dan ikun rilevanti biex jiġi deskritt aħjar l-oġġett li jinkludi sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati (eż. l-istess sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati tkun preżenti kemm fil-matriċi tal-oġġett kif ukoll f'kisja).

[41] L-EuPCS hija żviluppata fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tan-notifiki għaċ-ċentri għal kontra l-velenu skont l-Artikolu 45 u l-Anness VIII tar-Regolament CLP.

### 2.3.1.1 Sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati

L-identifikazzjoni tas-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati preżenti fl-oġġett trid tiġi pprovduta f'notifika tal-SCIP kif inhi inkluża fil-Lista ta' Kandidati uffiċjali ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna għal Awtorizzazzjoni, jiġifieri isem is-sustanza (kif jidher fil-Lista ta' Kandidati) u l-identifikaturi numeriċi tagħha (in-numru EC u n-numru CAS), jekk ikunu disponibbli.

Sustanzi li jissodisfaw wieħed jew aktar mill-kriterji ddefiniti fl-Artikolu 57 tar-Regolament REACH jistgħu jiġu identifikati bħala Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHC), u jitqiegħdu fuq il-Lista ta' Kandidati għall-Awtorizzazzjoni. Dawn l-SVHCs jistgħu jkunu:

- sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew reprotossiċi (CMR) fil-Kategorija 1A jew 1B
- sustanzi persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi (PBT) jew sustanzi persistenti u bijoakkumulattivi ħafna (vPvB)
- sustanzi identifikati każ b'każ li għalihom ikun hemm evidenza xjentifika ta' effetti serji probabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, li jikkawżaw livell ta' tħassib ekwivalenti, eż. interferenti endokrinali

Il-Lista ta' Kandidati hija disponibbli fuq is-sit web tal-ECHA. Din ġiet stabbilita skont il-proċedura deskritta fl-Artikolu 59 u ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 59(10) tar-Regolament REACH (identifikazzjoni tal-SVHCs). Jekk sustanza elenkata fuq il-Lista ta' Kandidati tkun tinsab f'oġġetti f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w, dan jiskatta d-dmir ta' notifika tal-SCIP.

Għandu jiġi osservat li l-Lista ta' Kandidati tiġi aġġornata regolarment, normalment darbtejn f'sena, meta aktar sustanzi jiġu identifikati bħala SVHC.

### 2.3.1.2 Firxa tal-konċentrazzjoni

Id-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni ta' sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati f'oġġett hija essenzjali biex jiġi ċċekkjat jekk japplikawx l-obbligi ta' notifika tal-SCIP u ta' komunikazzjoni skont REACH, kif ukoll in-notifika ta' Sustanza f'Oġġett skont l-Artikolu 7(2) ta' REACH.

Il-Kapitolu 3.2.3.1 tal-Gwida dwar ir-rekwiżiti għal sustanzi f'oġġetti jispjega kif għandha tiġi ddeterminata l-konċentrazzjoni ta' sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati f'oġġett. It-Tabella 5 f'dak il-kapitolu turi diversi xenarji dwar kif għandha tiġi ddeterminata l-konċentrazzjoni ta' sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati (piż skont il-piż (w/w)) f'oġġett. Dawn ix-xenarji jirrappreżentaw il-modi l-iktar komuni kif sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati tiġi inkorporata f'oġġett (iżolat jew inkorporat f'oġġett kumpless). L-approċċi għax-xenarji ta' oġġetti inkorporati f'oġġetti kumplessi, u ta' oġġetti miksija parzjalment, huma mmotivati minn kunsiderazzjonijiet prattiċi, sabiex jingħelbu l-isfidi speċifiċi tal-kalkolu tal-konċentrazzjoni f'dawn il-każijiet partikolari, filwaqt li jiġi żgurat li jiġu rispettati l-prinċipji u l-objettivi prinċipali tas-sustanza fl-oġġetti. Għandu jiġi osservat li d-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni ta' sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati f'oġġett dejjem trid issir każ b'każ. Ir-regoli stabbiliti għal oġġetti inkorporati f'oġġetti kumplessi ma għandhomx iwasslu għal inapplikabbiltà tal-obbligi għal kull oġġett, meqjus individwalment, u għas-sottomissjoni jew għall-komunikazzjoni ta' inqas informazzjoni jew ta' informazzjoni ta' kwalità aktar baxxa minn dik meħtieġa biex jiġi żgurat l-użu sikur mill-oġġett.

Il-lista ta' firxiet predefiniti tal-konċentrazzjoni piż skont il-piż (w/w) huma dawn li ġejjin:

- $>$ 0.1 % w/w u $<$ 0.3 % w/w;
- ≥ 0.3 % w/w u $<$ 1.0 % w/w;
- ≥ 1.0 % w/w u $<$ 10.0 % w/w;
- ≥ 10.0 % w/w u $<$ 20.0 % w/w;
- ≥ 20.0 % w/w u $<$ 100 % w/w;

- > 0.1 % w/w u ≤ 100 % w/w[42].

Għajr il-limitu inferjuri tal-ewwel firxa tal-konċentrazzjoni u l-aħħar firxa tal-konċentrazzjoni, dawn il-firxiet huma bbażati fuq il-limiti ta' konċentrazzjoni l-aktar rilevanti stipulati fl-Anness III għad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD) għall-karatteristiċi tal-iskart li jagħmluh perikoluż, b'mod partikolari għall-karċinoġeniċità (HP 7) u l-mutaġeniċità (HP 11), ir-reprotossiċità (HP 10)[43], it-tossiċità speċifika għall-organi fil-mira – STOT (HP 5), u s-sensitizzazzjoni (HP 13).

### 2.3.1.3 Kategoriji tal-materjal jew tat-taħlit

Mid-definizzjoni ta' oġġett skont REACH, oġġetti jistgħu jiġu differenzjati fosthom stess abbażi tal-funzjoni (u l-użu), il-kompożizzjoni kimika u l-forma fiżika (forma, wiċċ jew disinn). L-informazzjoni sottomessa lill-bażi ta' *data* tal-SCIP trid tippermetti l-identifikazzjoni tal-oġġett li jinkludi s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati, bħall-"post", meta dan ikun disponibbli, b'mod partikolari meta l-oġġett ikun inkorporat f'oġġetti kumplessi.

Il-kamp tal-"kategorija tal-materjal" tikkonsisti mill-forniment ta' informazzjoni, mingħar ma jiġi speċifikat wisq dettall, dwar il-materjal li minnu jkun magħmul l-oġġett li jinkludi s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati. Dan ir-rekwiżit ma jimplikax is-sottomissjoni ta' informazzjoni li tiddeskrivi bis-sħiħ il-kompożizzjoni kimika tal-oġġett, iżda biss dak li jkun meħtieġ sabiex:

i) tkun possibbli l-identifikazzjoni tal-oġġett (abbażi tal-materjal), eż. l-uċuħ tal-imwejjed tal-uffiċċju għandhom l-istess funzjoni u użu, u jistgħu jiġu differenzjati biss mill-materjal li jkunu magħmulin minnu (eż. plastik tal-PVC, ħġieġ tal-borosilikat, injam);

ii) l-operaturi tal-iskart jkunu jistgħu jidentifikaw il-materjal li l-oġġett ikun magħmul minnu, u b'hekk ikunu jistgħu jadattaw jew itejbu l-prattiki ta' mmaniġġjar u trattament fi ħdan il-flussi tal-iskart ibbażati fuq il-materjal, kif meħtieġ.

Taħlitiet fihom infushom huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' notifika tal-SCIP. Madankollu, aktar milli tiġi rrappurtata "kategorija tal-materjal", f'każijiet fejn is-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati tkun inkorporata f'oġġett(i) billi tintuża taħlita li tinkludi dik is-sustanza meta jitgħaqqdu jew jiġu mmuntati żewġ oġġetti jew aktar f'oġġett kumpless (eż. adeżiv, saldatura), jew meta tingħata kisja lil oġġett b'taħlita tal-kisi[44], il-"kategorija tat-taħlit" għandha tiġi rrappurtata (EuPCS) b'mod li jirreferi għall-materjal fi stat solidu inkorporat f'oġġetti b'riżultat tal-użu ta' dawk it-taħlitiet (eż. adeżivi, saldaturi, kisjiet). Barra minn hekk, jista' jkun meħtieġ li l-kategorija tat-taħlit tintuża għal oġġetti li jitqiesu bħala oġġetti li jinkludu sustanza/taħlita integrali, skont il-Kapitolu 2 tal-Gwida SiA (eż. termometru bil-likwidu u batterija). Mhijiex meħtieġa informazzjoni oħra dwar dawk it-taħlitiet għajr l-indikazzjoni tal-kategorija, kif iddefinita fl-EuPCS.

Il-lista predefinita ta' kategoriji ta' materjali (l-Appendiċi 1), stabbilita mill-ECHA fil-format tal-SCIP, tinkludi sottokategoriji usa' fi ħdan il-kategoriji ta' materjali prinċipali li jippermettu r-rappurtar ta' informazzjoni f'livell aktar ġenerali, pereżempju huwa possibbli li jiġi rrappurtat li oġġett ikun magħmul minn
- ħadid jew ligi tal-ħadid (taħt il-kategorija tal-metall);
- liga oħra mhux speċifikata ta' metall mhux ferruż (taħt il-kategorija tal-metall);
- kopolimeru mhux aloġenat ieħor mhux speċifikat (taħt il-kategorija tal-plastik (u tal-polimeri));
- kopolimeru aloġenat ieħor mhux speċifikat (taħt il-kategorija tal-plastik (u tal-polimeri));
- lasktu ieħor mhux speċifikat (taħt il-kategorija tal-lasktu u tal-elastomeri);

[42] L-istess bħall-indikazzjoni li l-konċentrazzjoni tas-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati fl-oġġett hija ogħla minn 0.1 % w/w.
[43] Il-limitu ta' konċentrazzjoni għar-Repr.2 fit-Tabella 7 tal-Anness III għad-WFD ma jitqiesx f'dawn il-firxiet.
[44] Ara t-Tabella 5 fis-Sottokapitolu 3.2.3.1 tal-Gwida SiA

- fibra tessila sintetika oħra mhux speċifikata (taħt il-fibri tessili u fibri oħra).

Dan jinkludi wkoll il-kategorija "Oħrajn" biex tkopri materjali li ma jistgħux jiġu identifikati billi jintużaw kategoriji/sottokategoriji oħra, jew meta dik l-informazzjoni ma tkunx disponibbli.

L-EuPCS tinkludi wkoll kategoriji usa' li jippermettu r-rappurtar ta' informazzjoni f'livell aktar ġenerali, pereżempju, huwa possibbli li jiġi rrappurtat li t-taħlita li tinkludi s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati inkorporata fl-oġġett tkun
- adeżivi u siġillanti oħra mhux speċifikati;
- żebgħa u materjali tal-kisi oħra mhux speċifikati.

Meta l-informazzjoni ma tkunx disponibbli fil-livell meħtieġ miż-żewġ kategoriji, il-preżentatur huwa mħeġġeġ jikseb informazzjoni aktar dettaljata mill-fornituri tiegħu biex jappoġġa aħjar l-objettivi tal-bażi ta' *data* tal-SCIP (it-Taqsima 1.1).

## 2.4 Aġġornament regolari tal-informazzjoni sottomessa lill-bażi ta' *data* tal-SCIP

Is-sottomissjoni b'suċċess tal-informazzjoni lill-bażi ta' *data* tal-SCIP hija r-rekwiżit bażiku qabel it-tqegħid fis-suq tal-UE ta' oġġett li jinkludi sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w, jew ta' oġġett kumpless li jinkorpora oġġett bħal dan. Dan jeħtieġ is-sottomissjoni ta' notifika tal-SCIP skont ir-rekwiżiti stipulati fit-Taqsimiet 2.1 sa 2.3 ta' dan id-dokument.

L-ECHA ma twettaqx kontroll tal-kwalità tal-informazzjoni sottomessa minn detentur tad-dover, għajr l-eżekuzzjoni ta' regoli ta' validazzjoni pprogrammati applikati mill-Portal għas-Sottomissjonijiet tal-ECHA[31]. L-informazzjoni sottomessa lill-bażi ta' *data* tal-SCIP tkun disponibbli għall-pubbliku u għalhekk disponibbli fil-pront għall-operaturi tal-iskart, biex tingħalaq id-diskrepanza fil-fluss tal-informazzjoni mill-ktajjen ta' provvista sal-ktajjen tal-iskart, u għall-konsumaturi. L-ECHA tippubblika l-informazzjoni kif tirċiviha fuq is-sit web tagħha, u tiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali fejn dan ikun iġġustifikat.[45] Pereżempju, id-*data* obbligatorja sottomessa li tista' tagħmilha possibbli li jiġu stabbiliti rabtiet bejn atturi fl-istess katina ta' provvista ma titqiegħedx għad-dispożizzjoni tal-pubbliku (eż. identifikaturi alfanumeriċi ta' komponenti fi ħdan oġġetti kumplessi).

L-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku fil-bażi ta' *data* tal-SCIP hija soġġetta għal skrutinju mill-utenti tal-bażi ta' *data*, jiġifieri l-operaturi tal-iskart, il-konsumaturi, l-NGOs li jirrappreżentaw l-interessi tal-konsumaturi, u l-awtoritajiet tal-Istati Membri. Ir-responsabbiltà mill-kwalità, il-preċiżjoni, il-kompletezza u r-robustezza tad-*data* sottomessa dejjem tibqa' ta' kull detentur tad-dover.

Is-sottomissjoni ta' informazzjoni aġġornata għal notifika tal-SCIP sottomessa b'suċċess preċedentement tista' tirriżulta, eventwalment u fost oħrajn, minn:

- bidla regolatorja li twassal għal sottomissjoni obbligatorja ta' informazzjoni aġġornata, b'mod partikolari meta sustanza preżenti f'oġġett (f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w) tiġi inkluża fil-Lista ta' Kandidati wara l-5 ta' Jannar 2021;
- bidla fil-kompożizzjoni ta' oġġett kumpless, f'termini tal-komponenti u s-sottokomponenti li jinkorporaw oġġetti fihom infushom li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati;
- talba minn awtorità ta' Stat Membru biex tiġi sottomessa informazzjoni addizzjonali għal notifika tal-SCIP, pereżempju jekk l-informazzjoni sottomessa ma tkunx tiżgura l-konformità mad-dmir ta' notifika tal-SCIP;

---

[45] Aktar informazzjoni dwar it-tixrid ta' *data* tal-SCIP u l-kunfidenzjalità hija disponibbli fuq is-sit web tal-ECHA (il-paġna web tal-SCIP).

- kwalunkwe bidla li s-sottomittent iqis bħala rilevanti biex jaġġorna notifika tal-SCIP fuq bażi volontarja, pereżempju jekk sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati preżenti f'oġġett tkun ġiet sostitwita minn alternattiva aktar sikura.

Is-sottomittent dejjem jista' jaġġorna notifika tal-SCIP sottomessa b'suċċess preċedentement wara l-5 ta' Jannar 2021 fuq bażi volontarja, jekk ikun hemm bidliet għall-informazzjoni diġà sottomessa jew jekk ikun hemm il-ħtieġa li tiġi korretta xi informazzjoni sottomessa preċedentement.

### 2.4.1 Aġġornament volontarju meta sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati preżenti f'oġġett tkun ġiet sostitwita minn alternattiva aktar sikura

Detentur tad-dover jista' jagħmel sforzi biex jissostitwixxi l-użu ta' sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati b'alternattivi aktar sikuri fil-kompożizzjoni kimika tal-oġġetti jew fit-taħlitiet użati fil-passi ta' pproċessar ulterjuri tal-oġġetti, inkluż meta l-oġġetti jitgħaqqdu f'oġġetti kumplessi. Għalhekk, hemm oġġetti fihom infushom jew f'oġġetti kumplessi mqiegħda fis-suq tal-UE li qabel kienu jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati, u minħabba dawk l-isforzi ta' sostituzzjoni issa ma għadhomx jinkludu dawk is-sustanzi. F'dawn il-każijiet, hemm rekwiżit fakultattiv inkluż fil-format tal-SCIP li jippermetti li s-sottomittent volontarjament jissottometti informazzjoni aġġornata għan-notifika għal dak l-oġġett, jew għal notifiki ta' oġġetti kumplessi li jinkorporaw dak l-oġġett, u dan billi jindika li sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati ma għadhiex preżenti f'dak l-oġġett. Dan ir-rekwiżit fakultattiv japplika biss għal oġġetti, jew minnhom infushom jew f'oġġetti kumplessi, iżda ma japplikax għal oġġetti kumplessi bħal dawk ir-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 2.3.
Eventwalment, l-informazzjoni pprovduta skont ir-rekwiżiti tal-istruzzjoni(jiet) għall-użu sikur (it-Tabella 4 fit-Taqsima 2.1.3) għall-oġġett jew l-oġġett(i) kumpless(i) li jinkorpora(w)h trid tiġi aġġornata wkoll biex tibdel l-istruzzjonijiet diġà sottomessi wara t-teħid inkunsiderazzjoni tas-sostituzzjoni tas-sustanza.

Dan ir-rekwiżiti huwa mfassal biex jintuża biex jiġi indikat li s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati identifikata bħala preżenti f'oġġett, f'notifika tal-SCIP sottomessa b'suċċess preċedentement meta tiġi pprovduta l-informazzjoni skont ir-rekwiżiti fit-Tabella 6 skont it-Taqsima 2.3.1 għal dak l-oġġett, ma tkunx għadha preżenti f'dak l-oġġett. Bis-sottomissjoni ta' informazzjoni skont dan ir-rekwiżit fakultattiv, din tissostitwixxi l-blokka ta' informazzjoni sħiħa pprovduta fin-notifika preċedenti skont ir-rekwiżiti tal-elementi ta' tħassib (it-Tabella 6) fin-notifika tal-SCIP aġġornata għal dak l-oġġett fih innifsu. Għalhekk, dan ir-rekwiżit jiġi inkluż fil-format tal-SCIP taħt it-taqsima tal- "Elementi ta' tħassib".

It-Tabella 7 tiddeskrivi dak ir-rekwiżit fakultattiv fil-qosor.

**Tabella 7: Sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati li ma għadhiex preżenti**

| Rekwiżit | Deskrizzjoni | M/R/O** |
|---|---|---|
| **Sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati li ma għadhiex preżenti*** | Ipprovdi li s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati (preċedentement preżenti fl-oġġett) ma għadhiex preżenti fl-oġġett f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w, eż. b'riżultat ta' sostituzzjoni tas-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati minn alternattiva aktar sikura. | O |

*Ripettibbli. F'dan ir-rekwiżit, is-sottomittent jista' jipprovdi informazzjoni kemm-il darba jkun meħtieġ biex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa.
** M = Obbligatorju; R = Meħtieġ; O = Fakultattiv.

# 3. Soluzzjonijiet rakkomandati għal-livell ta' rappurtar fin-notifiki tal-SCIP: "*raggruppament*" u "*ġerarkija*"

L-oġġetti kollha fornuti waħidhom jew f'oġġetti kumplessi li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w iridu jiġu nnotifikati lill-ECHA billi tiġi sottomessa notifika tal-SCIP, għalhekk mhux biss l-oġġetti kumplessi standard (prodotti). Filwaqt li d-dmir ta' notifika tal-SCIP ma tapplikax għall-oġġett u l-oġġetti kumplessi kollha (jiġifieri oġġett magħmul minn aktar minn oġġett wieħeed) imqiegħda fis-suq tal-UE, hemm volum kbir ta' oġġetti u ta' oġġetti kumplessi li potenzjalment jistgħu jiġu koperti mid-dmir ta' notifika tal-SCIP, minn oġġetti sempliċi ħafna sa oġġetti kumplessi ħafna, kif jidher fl-eżempji pprovduti fil-Figura 5. Il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huwa wiesa' għall-prodotti u s-setturi (minn wajers u pjanċi tal-metall sa viti u xfafar, minn folji karta sa oġġetti magħmulin mill-karta bħall-envelops, bords tal-plywood, tajers, tubi, fliexken, kartolerija għall-uffiċċju, għamara, raden, ħwejjeġ, ġugarelli, frejms tat-twieqi, estensjonijiet u plakek tal-elettriku, apparat elettrodomestiku, roti, komponenti elettroniċi, tagħmir elettroniku, vetturi bil-mutur, ajruplani, satelliti, eċċ.), kif ukoll b'mod trażversali għall-istadji kollha ta' produzzjoni u ktajjen ta' assemblaġġ differenti, kif jidher ukoll fil-Figura 5 billi jintwerew eż. oġġetti magħmula minn sustanzi jew taħlitiet, oġġetti magħmula mill-ipproċessar ulterjuri ta' oġġetti (*nofshom lesti*), oġġetti li jiġu mmuntati ulterjurment bħala komponenti f'oġġetti kumplessi, u oġġetti kumplessi li min-naħa tagħhom stess jiġu mmuntati bħala komponenti f'oġġetti kumplessi akbar. Għalhekk, hemm ukoll ħafna kumpaniji potenzjali li jqiegħdu oġġetti u oġġetti kumplessi fis-suq li huma koperti minn dan id-dmir.

**Figura 5: Eżempju tal-potenzjal ta' kamp ta' applikazzjoni wiesa' ħafna tad-dmir ta' notifika tal-SCIP.**
(*L-eżempji jidhru għal finijiet ta' dimostrazzjoni biss. Dan ma jfissirx neċessarjament li l-oġġetti fihom infushom murija normalment jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati, jew li xi oġġetti kumplessi aktar sempliċi murija normalment jinkorporaw oġġetti li jinkludu dawn is-sustanzi*)



Bħala punt tat-tluq, l-aqwa rakkomandazzjonijiet li jistgħu jingħataw lill-kumpaniji biex inaqqsu l-impatt tad-dmir ta' notifika tal-SCIP, kif ukoll il-komunikazzjoni tul il-katina ta' provvista skont l-Artikolu 33(1) ta' REACH, huma dawn li ġejjin, kull meta jkunu possibbli:

- Issostitwixxi s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati preżenti fil-kompożizzjoni kimika tal-oġġetti b'alternattivi aktar sikuri;
- Agħżel fornituri li jfornu komponenti u sottokomponenti li ma jinkorporawx oġġetti fihom infushom li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati;
- Sikur sa mid-disinn: Fl-istadju tal-konċepiment u tad-disinn ta' oġġett kumpless (prodott), ħu inkunsiderazzjoni l-possibbiltà li tevita l-użu ta' komponenti u sottokomponenti li jinkorporaw oġġetti li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati.

Jekk ma jkunux preżenti sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati f'oġġetti fihom infushom jew f'oġġetti f'oġġetti kumplessi mqiegħda fis-suq tal-UE, ma hemmx obbligu ta' sottomissjoni ta' notifiki tal-SCIP lill-ECHA. Inkella, jekk għallinqas l-għadd ta' oġġetti li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati f'oġġetti kumplessi jista' jiġi mminimizzat fl-istadji ta' assemblaġġ differenti, it-tħejjija u s-sottomissjoni tan-notifiki tal-SCIP jistgħu jiġu ffaċilitati drastikament.

Madankollu, dan mhuwiex dejjem possibbli ekonomikament jew teknikament.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni potenzjalment wiesa' tad-dmir ta' notifika tal-SCIP, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni (it-Taqsima 2), il-format u l-għodod tal-SCIP għas-sottomissjonijiet ġew żviluppati bħala soluzzjoni li tista' tapplika għas-sitwazzjonijiet kollha possibbli, biex tkampa mad-diversità tal-oġġetti u l-oġġetti kumplessi possibbli kollha li huma potenzjalment koperti minn dak id-dmir. Għalhekk, huma

- joffru flessibbiltà dwar kif għandha tiġi rrappurtata informazzjoni lill-bażi ta' *data* tal-SCIP skont ir-rekwiżiti stipulati fit-Taqsimiet 2.1, 2.2 u 2.3;
- iżidu r-responsabbiltà tas-sottomittenti fir-rigward tal-konformità; u
- joħolqu flessibbiltà rigward il-livell xieraq ta' strutturar u sottomissjoni ta' informazzjoni lill-ECHA.

Dawn il-fatturi kollha jippreżentaw sfida għall-vijabbiltà, b'mod partikolari f'termini tal-għadd kbir ta' notifiki tal-SCIP li jridu jiġu sottomessi lill-ECHA, kif ukoll il-volum potenzjali ta' *data* li trid tiġi sottomessa.

L-għadd ta' notifiki tal-SCIP individwali aktarx jiżdied bl-għadd u s-saffi ta' mmuntar tal-komponenti u s-sottokomponenti li jinkorporaw oġġetti li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati, kif ukoll bl-għadd ta' dawk l-oġġetti fihom infushom f'oġġetti kumplessi. Barra minn hekk, il-volum tad-*data* u l-kumplessità tal-istrutturar tal-informazzjoni f'notifika tal-SCIP jistgħu jsiru aktar diffiċli hekk kif tiżdied il-kumplessità tal-oġġett kumpless. Bħala eżempju, il-Figura 6 turi s-saffi ta' mmuntar possibbli fir-rigward ta' O-ring b'sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati li huwa inkorporat f'pompa tal-ilma, li hija mmuntata f'magna, li min-naħa tagħha hija inkorporata f'vettura. Saffi ta' mmuntar oħra (mhux murija) jistgħu jeżistu fir-rigward tal-vettura jekk oġġetti fihom infushom oħra jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati (eż. O-ring fid-distributur tal-magna, komponent ta' reżister f'tagħmir elettroniku, kapep tal-plastik fil-valvijiet tat-tajers).

Għal oġġetti kumplessi ħafna (eż. smartphones, vetturi), mistoqsija importanti oħra hija kemm-il saff ta' komponenti u sottokomponenti jridu jiġu rrappurtati f'notifika tal-SCIP sabiex utenti tal-bażi ta' *data* tal-SCIP, jiġifieri operaturi tal-iskart, konsumaturi u awtoritajiet tal-Istati Membri, ikunu jistgħu jidentifikaw u jsibu l-oġġett li jinkludi sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati.

Din, flimkien mal-mistoqsija dwar jekk ikunx possibbli ċertu livell ta' raggruppament ta' oġġetti identiċi jew simili f'notifika waħda, tista' tindirizza xi wħud mill-impatt potenzjali fuq il-vijabbiltà u t-tixrid tad-*data* fil-bażi ta' *data* tal-SCIP, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-objettivi tagħha elenkati fit-Taqsima 1.1.

**Figura 6: Eżempju tas-saffi ta' mmuntar possibbli meħtieġa biex jiġi identifikat O-ring (oġġett fih innifsu) li jinkludi sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati (> 0.1 % w/w) f'pompa tal-ilma inkorporata f'magna ta' vettura tal-passiġġieri.**




Madankollu, l-għadd ta' notifiki tal-SCIP minħabba din il-kumplessità ma jaffettwax bl-istess mod il-prodotti kollha mqiegħda fis-suq, u l-impatt jista' jkun baxx għal ħafna oġġetti inqas kumplessi bħal rota, rota, sit, tagħmir għal barra, għodod tad-DIY, tessuti għal ġewwa, u tagħmir elettriku sempliċi. Il-Figura 7 turi kif il-kumplessità tiżdied għal xi oġġetti kumplessi bi tqabbil ma' oħrajn hekk kif jitqiegħdu fis-suq. L-għadd ta' unitajiet f'dik il-Figura jirrappreżenta wkoll il-fatt (mingħajr xi tifsira ta' proporzjonalità) li aktar ma jkun kumpless ċertu oġġett, normalment (iżda mhux dejjem) jitqiegħdu fis-suq (bħala prodott finali) inqas unitajiet ta' dak it-tip ta' oġġett kumpless.

**Figura 7: Rappreżentazzjoni tal-kumplessità fost tipi differenti ta' oġġetti kumplessi.**




Biex jintlaħqu l-għanijiet tal-bażi tad-*data* SCIP, l-għadd ta' saffi ta' komponenti u suttokomponenti jista' jitnaqqas meta titħejja notifika tal-SCIP u oġġetti identiċi u oġġetti kumplessi mqiegħda fis-suq jistgħu jiġu raggruppati bis-segwitu ta' kriterji xierqa bbażati fuq kunsiderazzjonijiet prattiċi.

Barra minn hekk, hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi kummerċjali tas-sottomittenti għall-informazzjoni sottomessa lill-ECHA fin-notifiki tal-SCIP, b'mod partikolari informazzjoni li tista' tiżvela rabtiet bejn atturi fil-katina ta' provvista. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni stipulati fit-Taqsima 2 diġà jinkludu xi miżuri biex tiġi evitata s-sottomissjoni ta'

informazzjoni li tista' timmina dawk l-interessi, pereżempju ma jintalbux dettalji rigward il-kompożizzjoni kimika tal-oġġetti, u huwa meħtieġ biss li jiġi identifikat il-materjal prinċipali li oġġett ikun magħmul minnu jew inkella l-kategorija tat-taħlita inkorporata fl-oġġetti f'pass ulterjuri fl-ipproċessar tal-oġġett, u s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati preżenti fl-oġġett, kif ukoll il-firxa tal-konċentrazzjoni tagħha fl-oġġett (it-Tabella 6 fit-Taqsima 2.3.1). Eżempju ieħor huwa r-rekwiżit li jiġu identifikati l-funzjoni jew l-użu tal-oġġett (il-kategorija tal-oġġett fit-Tabella 2 fit-Taqsima 2.1.1) billi tintgħażel kategorija ta' oġġett minn kodiċijiet tan-NM/TARIC u deskrizzjonijiet predefiniti (abbażi tal-lista TARIC), li ma jeħtieġx is-sottomissjoni ta' funzjoni, użu jew applikazzjoni preċiża tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless.
Rigward it-tixrid ta' *data* li trid titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, sabiex jiġi evitat b'kull mezz possibbli li minn dik id-*data* jiġu stabbiliti rabtiet bejn l-atturi fil-katina ta' provvista, l-informazzjoni li ġejja ma ssirx disponibbli:

- l-identità tas-sottomittenti (id-detenturi tad-dover);
- ismijiet speċifiċi (eż. il-marka, il-mudell) jew identifikaturi (alfanumeriċi jew numeriċi) ta' komponenti f'oġġetti kumplessi.

L-informazzjoni l-oħra kollha sottomessa lill-ECHA tiġi ppubblikata kif tiġi riċevuta fuq is-sit web tal-ECHA. Il-kwalità, il-preċiżjoni, il-kompletezza u r-robustezza tad-*data* sottomessa dejjem tibqa' r-responsabbiltà ta' kull sottomittent, kif ukoll ir-responsabbiltà tan-nuqqas ta' sottomissjoni ta' *data* li tista' titqies bħala li timmina l-interessi kummerċjali tagħhom. Jiġu ddivulgati l-ismijiet u l-identifikaturi ta' oġġetti fihom infushom imqiegħda fis-suq hekk kif jiġu sottomessi lill-bażi ta' *data* tal-SCIP (entitajiet tal-ogħla livell). Rigward oġġetti kumplessi (prodotti) kif jitqiegħdu fis-suq, jiġu ddivulgati wkoll l-ismijiet u l-identifikaturi sottomessi f'notifika tal-SCIP (l-entitajiet tal-ogħla livell); madankollu, rigward il-komponenti u s-sottokomponenti, huma biss l-isem u l-kategorija tal-oġġett – deskrizzjoni armonizzata bbażata fuq il-funzjoni u l-użu billi jintużaw il-kodiċijiet NM/TARIC u d-deskrizzjonijiet – li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, kif ukoll l-istruzzjonijiet għall-użu sikur, l-istruzzjonijiet ta' żmantellar u l-karatteristiki. Pereżempju, jekk ikun hemm notifiki tal-SCIP għal rota sottomessi lill-ECHA minn bosta atturi fil-katina ta' provvista, l-isem ta' kwalunkwe sottomittent ma jiġix ippubblikat, iżda tiġi ddivulgata informazzjoni dwar ir-rota, bħall-marka u l-mudell. Barra minn hekk, jekk ir-rota tkun tinkludi tajer ta' ċertu marka u mudell, din l-informazzjoni speċifika ma tiġix ippubblikata lanqas, iżda l-bażi ta' *data* tal-SCIP turi li t-tajer (komponent identifikabbli mill-isem, il-kategorija tal-oġġett u l-kategorija tal-materjal, kif ukoll mill-karatteristiki, l-istampa u l-istruzzjonijiet għall-użu sikur, jekk dawn jiġu pprovduti) inkorporat f'dik ir-rota jinkludi sustanza speċifika fuq il-Lista ta' Kandidati.

Fit-taqsimiet li ġejjin jiġu indirizzati l-mistoqsijiet li ġejjin:

- Oġġetti u oġġetti kumplessi identiċi jew kważi identiċi jistgħu jiġu sottomessi f'notifika tal-SCIP waħda ("*raggruppament*")?

- Kemm-il saff ta' komponenti u sottokomponenti ta' oġġett kumpless irid jiġi inkluż f'notifika tal-SCIP sabiex tkun possibbli l-identifikazzjoni u l-"post" tal-oġġett li jinkludi sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati ("ġerarkija")?

## 3.1 Kriterji għar-"raggruppament" ta' oġġett jew oġġetti kumplessi identiċi jew kważi identiċi f'notifika tal-SCIP

F'din it-taqsima jiġu pprovduti bosta kriterji biex ikun possibbli "raggruppament" f'notifika tal-SCIP għal:

- Oġġetti "*kompletament identiċi*" mqiegħda fis-suq tal-UE waħidhom;

- Oġġetti "*kważi identiċi*" mqiegħda fis-suq tal-UE waħidhom;

- Oġġetti kumplessi "*kważi identiċi*" mqiegħda fis-suq tal-UE.

### 3.1.1 Kriterji għar-"raggruppament" ta' oġġetti *kompletament identiċi*

F'dan il-kuntest u skont id-definizzjoni ta' "oġġett" skont REACH (it-Taqsima 1.3), oġġetti *kompletament identiċi* tfisser oġġetti waħidhom

- bl-istess funzjoni jew użu eżatt,
- bl-istess forma fiżika (forma, wiċċ u disinn),
- u bl-istess kompożizzjoni kimika.

Jista' jkun hemm varjazzjonijiet żgħar ħafna fil-forma fiżika u fil-kompożizzjoni kimika minħabba differenzi komuni li jirriżultaw mill-proċess ta' produzzjoni, pereżempju fost lottijiet differenti jew fost siti ta' produzzjoni differenti. Jekk dawn il-varjazzjonijiet ikunu żgħar ħafna, l-oġġetti jitqiesu bħala li jissodisfaw it-tifsira pprovduta hawn fuq, u dan biss għall-finijiet tas-sottomissjoni ta' informazzjoni fi ħdan l-istess notifika tal-SCIP.

Notifika tal-SCIP li tkopri bosta jew ħafna oġġetti *kompletament identiċi* tista' tiġi sottomessa lill-ECHA mill-istess detentur tad-dover.

⚠ Id-WFD tirrikjedi notifika waħda għal kull oġġett u mhux għal kull unità individwali.

**Eżempju 2: għadd kbir ta' viti impurtati *kompletament identiċi***

Kumpanija timporta u tqiegħed fis-suq tal-UE għadd kbir ta' viti (li jinkludu sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati f'konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w), b'raġġ taħt ir-ras, tul nominali, tul tal-kamin, u ras iddefiniti skont l-istandards stabbiliti.

**Figura 8: Oġġetti *kompletament identiċi*: viti b'raġġ taħt ir-ras, tul nominali, tul tal-kamin, u ras iddefiniti skont standards stabbiliti**



(Ritratt minn Eliza Diamond fuq Unsplash)

Billi l-viti (unitajiet) kollha huma oġġetti kompletament identiċi waħidhom, skont it-tifsira mogħtija hawn fuq, kollha kemm huma jistgħu jitqiesu bħala oġġett u jkun meħtieġ li tiġi sottomessa notifika tal-SCIP waħda biss lill-ECHA għal kull detentur tad-dover, billi tiġi pprovduta l-informazzjoni skont ir-rekwiżiti stipulati fit-Taqsimiet 2.1 u 2.3.

### 3.1.2 Kriterji għar-"raggruppament" ta' oġġetti *kważi identiċi*

Ċerti oġġetti fihom infushom imqiegħda fis-suq tal-UE li jkunu kompletament identiċi f'termini tal-kompożizzjoni kimika tagħhom, iżda li ma jistgħux jitqiesu bħala oġġetti *kompletament identiċi*, kif deskritt fit-taqsima preċedenti, xorta waħda jistgħu jiġu sottomessi fl-istess notifika tal-SCIP lill-ECHA jekk jiġu ssodisfati ċerti kriterji. F'dan il-kuntest, dawn l-oġġetti jissejħu *kważi identiċi* u jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

- Għandhom l-istess funzjoni jew użu;
- Jinkludu l-istess sustanza/sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati;

- Huma magħmula mill-istess materjal jew is-sustanza fuq il-Lista ta’ Kandidati hija inkorporata fihom bl-użu tal-istess kategorija tat-taħlit f’pass ta’ pproċessar ulterjuri;
- L-istruzzjonijiet għall-użu sikur huma l-istess, li hija konsegwenza loġika tal-kriterji preċedenti.

Oġġetti *kważi identiċi* li jissodisfaw dawn il-kriterji jistgħu jiġu sottomessi lill-ECHA fl-istess notifika tal-SCIP, dment li l-elementi korretti għall-identifikazzjoni (kummerċjali) (il-Kapitolu 2) ta’ **kull sottogrupp ta’ oġġetti *kompletament identiċi*** (eż. ismijiet u identifikaturi alfanumeriċi) magħmula disponibbli jew imqiegħda fis-suq jiġu pprovduti fin-notifika tal-SCIP skont ir-rekwiżiti stipulati fit-Tabella 2 fit-Taqsima 2.1.1., iklużi dawk ikklassifikati bħala fakultattivi jekk ikunu meħtieġa biex kwalunkwe utent tal-bażi ta’ *data* tal-SCIP jidentifika inekwivokament dawk is-sottogruppi ta’ oġġetti *kompletament identiċi* fil-bażi ta’ *data*.

**Eżempju 2: O-rings ta’ wisa’, dijametru jew kulur differenti**

Kumpanija XYZ tqiegħed fis-suq tal-UE bosta O-rings magħmula mill-istess materjal li jinkludi l-istess sustanza fuq il-Lista ta’ Kandidati fl-istess livell ta’ konċentrazzjoni, iżda b’wisa’/ħxuna, dijametru u kulur differenti.

L-informazzjoni li tidher fil-katalogu tal-Kumpanija XYZ hija din li ġejja:

| ***O-rings*** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Marka: Ġonot tal-lasktu RJ*<br>*Materjal: lasktu tal-istiren-butadien (SBR), vulkanizzat* | | | | | | |
| |  |  |  |  |  |  |
| *Dijametru:* | *15 mm* | *15 mm* | *20 mm* | *20 mm* | *20 mm* | *20 mm* |
| *Ħxuna:* | *2.0 mm* | *2.0 mm* | *3.5 mm* | *3.5 mm* | *5.0 mm* | *5.0 mm* |
| *Kulur:* | *Iswed* | *Griż* | *Iswed* | *Griż* | *Iswed* | *Griż* |
| *Nru tal-Oġġett:* | *15x2.0B RJ* | *15x2.0G RJ* | *20x3.5B RJ* | *20x3.5G RJ* | *20x5.0B RJ* | *20x5.0G RJ* |

Fil-komunikazzjoni lill-konsumaturi skont l-Artikolu 33(1) ta’ REACH, il-Kumpanija XYZ tinkludi l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

*“L-O-rings kollha identifikati min-Nru tal-Oġġett 15x2.0B RJ, 15x2.0G RJ, 20x3.5B RJ, 20x3 5G RJ, 20x5.0B RJ, u 20x5.0G RJ bl-ispeċifikazzjonijiet inklużi fid-dokument tekniku mehmuż (kif jidhru fil-katalogu tagħna) jinkludu fil-kompożizzjoni kimika tagħhom is-sustanza 1,2-Aċidu benżendikarbossiliku, di-C6-8-friegħi ta’ esters tal-alkil, C7-rikk, Nru EC.:276-158-1, Nru CAS:71888-89-6, inkluża fil-Lista ta’ Kandidati ta’ sustanzi ta’ tħassib serju ħafna għall-Awtorizzazzjoni sa mill-20/6/2011, bir-raġuni għall-inklużjoni tagħha tkun il-klassifikazzjoni tagħha bħala “Tossika għar-riproduzzjoni (l-Artikolu 57c)”, ippubblikata f’konformità mal-Artikolu 59(10) tar-Regolament REACH fuq is-sit web tal-ECHA. Din is-sustanza hija preżenti fl-O-rings identifikati f’konċentrazzjoni ogħla minn 0.1 % w/w, b’mod partikolari f’konċentrazzjoni minima ta’ 7 % w/w u konċentrazzjoni massima ta’ 8 % w/w. L-istruzzjonijiet rilevanti għall-użu sikur biex jiġi żgurat l-użu sikur minn dawn l-O-rings, b’riżultat tal-preżenza tas-sustanza fuq il-Lista ta’ Kandidati identifikata hawn fuq fil-kompożizzjoni kimika tagħhom, tul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tagħhom inkluża l-ħajja operattiva u l-istadju tal-iskart/tar-riċiklaġġ, kif ukoll l-użu skorrett prevedibbli, huma pprovdudi wkoll fid-dokument tekniku mehmuż u huma l-istess.”*

Abbażi ta’ din l-informazzjoni miżmuma mill-Kumpanija XYZ, huwa possibbli li jiġi konkluż li l-O-rings speċifikati fil-katalogu huma oġġetti *kważi identiċi*, minħabba li jissodisfaw il-kriterji meħtieġa kif stipulat hawn fuq:

- Għandhom l-istess funzjoni jew użu: huma kollha O-rings, li jista' jiġi deskritt mill-istess "kategorija tal-oġġett", jiġifieri mill-kodiċijiet NM/TARIC u d-deskrizzjonijiet li ġejjin.
  (eż.
  - 4008290090 - Plastik u oġġetti magħmula minnu; lasktu u oġġetti magħmula minnu > Lasktu u oġġetti magħmula minnu > Pjastri, pjanċi, strippi, vireg u forom fi profil tal-lasktu vulkanizzat, għajr lasktu iebes > Ta' lasktu mhux ċellulari > Oħrajn > Oħrajn
  - 4016930090 - Plastik u oġġetti magħmula minnu; lasktu u oġġetti magħmula minnu > Lasktu u oġġetti magħmula minnu > Oġġetti oħra tal-lasktu vulkanizzat għajr lasktu iebes > Oħrajn > Gaskets, woxers u siġilli oħra > Oħrajn)

- Dawn jinkludu l-istess sustanza/i fuq il-Lista ta' Kandidati:
  *1,2-Aċidu benżendikarbossiliku, di-C6-8-friegħi ta' esters tal-alkil, C7-rikk,*
  *Nru EC.:276-158-1, Nru CAS:71888-89-6*

- Huma kollha magħmula mill-istess materjal:
  *lasktu tal-istiren-butadien (SBR), vulkanizzat*

- L-istruzzjonijiet għall-użu sikur huma l-istess:
  "…*L-istruzzjonijiet rilevanti għall-użu sikur biex jiġi żgurat l-użu sikur minn dawn l-O-rings, b'riżultat tal-preżenza tas-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati identifikata hawn fuq fil-kompożizzjoni kimika tagħhom, tul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tagħhom inkluża l-ħajja operattiva u l-istadju tal-iskart/tar-riċiklaġġ, kif ukoll l-użu skorrett prevedibbli, huma pprovdudi wkoll fid-dokument tekniku mehmuż u huma l-istess."*

Jekk, fin-notifika tal-SCIP, il-Kumpanija XYZ tipprovdi l-"Marka: Ġonot tal-lasktu RJ" taħt ir-rekwiżit "Isem/ismijiet oħra [tip u valur]" u l-identifikaturi alfanumeriċi rispettivi, jiġifieri n-*Nru tal-Oġġett*, għal kull sottogrupp ta' oġġetti *kompletament identiċi* (O-rings bl-istess dijametru, ħxuna u kulur) kif jidhru fil-katalogu (ara t-tabella hawn fuq), taħt ir-rekwiżit "Identifikatur/i oħra tal-oġġett [tip u valur]" kif stipulat fit-Tabella 2 fit-Taqsima 2.1.1., allura l-O-rings identifikati hawn fuq (mill-katalogu tal-Kumpanija XYZ) jistgħu jiġu sottomessi flimkien lill-ECHA mill-Kumpanija XYZ, f'notifika tal-SCIP waħda.

### 3.1.3 Kriterji għar-"raggruppament" ta' oġġetti kumplessi *kważi identiċi*

Għadd kbir ta' unitajiet ta' oġġetti kumpless normalment jitqiegħdu fis-suq bl-identifikaturi kummerċjali komuni li ġejjin (fost oħrajn li jiddependu mis-settur jew mill-prattiki tal-atturi fil-katina ta' provvista), li normalment ikunu disponibbli fuq il-prodotti, fuq it-tikketti, f'katalogi jew b'mezzi oħra:

- Isem kummerċjali,
- Marka,
- Mudell, u
- Numru tal-barcode.

Għal ċerti oġġetti kumplessi, bħal tagħmir elettroniku u vetturi, normalment fuq il-prodott imballat jew it-tikketta jiġi pprovdut numru tas-serje jew numru ta' identifikazzjoni għal <u>kull unità</u> mqiegħda fis-suq.

F'ħafna każijiet, l-unitajiet ta' oġġetti kumplessi mqiegħda fis-suq minn kumpanija b'dawn l-identifikaturi kummerċjali komuni jistgħu jiġu diviżi f'settijiet differenti ta' unitajiet li jinkorporaw l-istess kombinamenti ta' komponenti u sottokomponenti b'oġġetti fihom infushom li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati (> 0.1 % w/w). Huma biss dawn l-oġġetti kumplessi li huma suġġetti għall-obbligu ta' notifika tal-SCIP. Unitajiet ta' dawk l-oġġetti kumplessi, b'kombinamenti possibbli, fejn ma jkunux inkorporati oġġetti fihom infushom li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati mhumiex suġġetti għad-dmir ta' notifika tal-SCIP.

Ċerti oġġetti kumplessi mqiegħda fis-suq tal-UE li jitqiesu oġġetti kumplessi *kważi identiċi* jistgħu jiġu sottomessi wkoll lill-ECHA fl-istess notifika tal-SCIP jekk jiġu ssodisfati ċerti kriterji, b'mod simili għal oġġetti *kważi identiċi* kif spjegat fit-Taqsima 3.1.2 preċedenti.

Oġġetti kumplessi *kważi identiċi* huma oġġetti kumplessi li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

- L-oġġett kumpless (unitajiet) ikollu l-istess funzjoni jew użu [jiġifieri l-istess isem u "kategorija tal-oġġett" jew kodiċi(jiet) NM/TARIC u deskrizzjoni(jiet)];
- L-oġġett kumpless (unitajiet) jinkorpora l-istess komponenti u sottokomponenti (jiġifieri jkollu l-istess funzjoni/użu skont il-kriterju preċedenti), <u>u</u> l-oġġett kumpless jew il-komponenti u sottokomponenti tiegħu jinkorporaw l-istess oġġetti fihom infushom, li jissodisfaw il-kriterji għal oġġetti fihom infushom *kważi identiċi* stipulati fit-Taqsima 3.1.2.
- L-istruzzjonijiet għall-użu sikur ikunu l-istess għall-oġġett kumpless (unitajiet) kif jitqiegħed fis-suq, li hija konsegwenza loġika taż-żewġ kriterji hawn fuq.

Oġġetti kumplessi li jissodisfaw dawn il-kriterji - oġġetti kumplessi *kważi identiċi* – jistgħu jiġu sottomessi lill-ECHA fl-istess notifika tal-SCIP **<u>dment li</u> l-elementi korretti għall-identifikazzjoni** (eż. ismijiet u identifikaturi alfanumeriċi) **jiġu inklużi** fin-notifika tal-SCIP skont ir-rekwiżiti stipulati fit-Tabella 2 fit-Taqsima 2.1.1., inklużi dawk ikklassifikati bħala fakultattivi jekk ikunu meħtieġa biex kwalunkwe utent tal-bażi ta' *data* tal-SCIP jidentifika inekwivokament dawk l-oġġetti kumplessi fil-bażi ta' *data* u l-informazzjoni marbuta magħhom fil-bażi ta' *data* tal-SCIP. Fil-biċċa l-kbira tas-sitwazzjonijiet, kif se jidher fl-Eżempju 3 hawn taħt, normalment l-identifikaturi komuni kkomunikati fil-katina ta' provvista u disponibbli għar-riċevituri ta' oġġetti u għal konsumaturi, bħal dawk elenkati hawn fuq, ma jkunux biżżejjed biex jiġi ssodisfat dan l-aħħar kriterju.

Skont il-kriterji ta' hawn fuq, sabiex jiġu ssodisfati l-kriterji kollha stipulati hawn fuq għal oġġetti *kważi identiċi*, <u>irid jiġi pprovdut identifikatur primarju speċifiku tal-oġġett għal kull sett ta' oġġetti kumplessi *kważi identiċi* meta tiġi sottomessa notifika tal-SCIP</u>, jiġifieri għal kull sett ta' unitajiet b'kombinament uniku ta' komponenti u sottokomponenti b'oġġetti fihom infushom li jinkludi sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati (> 0.1 % w/w).

Ir-"raggruppament" ta' unitajiet ta' oġġetti kumplessi *kważi identiċi* skont dawk il-kriterji jista' ma jkunx possibbli abbażi tal-identifikazzjoni komuni ta' oġġetti kumplessi, li attwalment tintuża fil-ktajjen ta' provvista, minħabba li oġġetti kumplessi li jkunu differenti f'termini ta' kompożizzjoni (jiġifieri f'termini ta' komponenti u sottokomponenti b'oġġetti fihom infushom li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati) attwalment jistgħu jitqiegħdu fis-suq taħt l-istess identifikaturi (kummerċjali) (eż. bħal dawk elenkati hawn fuq).

Biex tintwera aħjar l-applikabbiltà tal-kriterji biex jiġu ddefiniti oġġetti kumplessi *kważi identiċi*, u biex jintwera l-ispariġġ bejn il-prattiki ta' identifikazzjoni kummerċjali l-aktar komuni għall-oġġetti kumplessi u l-elementi ta' identifikazzjoni (ismijiet u identifikaturi alfanumeriċi) meħtieġa għall-inklużjoni f'notifika tal-SCIP waħda għar-"raggruppament" ta' oġġetti kumplessi *kważi identiċi*, hawn taħt qed jingħata eżempju ipotetiku għal "smartphone 100".

**Eżempju 3: "Smartphone 100" biex jintwerew il-kriterji għad-definizzjoni ta' oġġetti kumplessi *kważi identiċi* li għandhom jiġu sottomessi f'notifika tal-SCIP waħda**

Kumpanija ZYX tqiegħed fis-suq tal-UE 649 unità ta' "smartphone 100" soġġetti għad-dmir ta' notifika tal-SCIP, minħabba li kollha kemm huma jinkludu sustanza waħda jew aktar fuq il-Lista ta' Kandidati (> 0.1 % w/w) fil-komponenti jew is-sottokomponenti tagħhom.

L-identifikazzjoni kummerċjali tal-unitajiet ta' "smartphone 100" fuq l-apparat u t-tikketta ta' kull unità, u fil-katalogu tal-Kumpanija ZYX, tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

**Identifikazzjoni kummerċjali tal-"ismartphone 100"**

*Smartphone 100*

***Marka: MARKA***
***Mudell: 100f***
***Numru tal-barcode (EAN): 123######456***






*Nota: numri tas-serje disponibbli għas-649 unità 999350–999999*

L-unitajiet ta' "smartphone 100" isiru disponibbli jew jitqiegħdu fis-suq mill-Kumpanija ZYX b'isem, marka u numru tal-barcode komuni, anke jekk ikunu jinkludu kombinamenti differenti ta' komponenti u sottokomponenti li jinkorporaw oġġetti fihom infushom b'sustanzi differenti fuq il-Lista ta' Kandidati.

Madankollu, dawn il-kombinamenti differenti spiss ikunu l-istess għal settijiet differenti tal-unitajiet immuntati (eż. Sett 1, Sett 2, Sett 3), jiġifieri jinkludu għadd kbir ta' unitajiet imqiegħda fis-suq b'numri tas-serje jew numri ta' identifikazzjoni speċifiċi għal kull unità. Dawn in-numri huma "identifikaturi kummerċjali" wkoll u normalment jiġu pprovduti mal-unità tal-prodott mibjugħa:

- Sett 1 ta' unitajiet ta' "Smartphone 100" li jissodisfaw il-kriterji għal oġġetti kumplessi *kważi identiċi*: 200 unità; in-numri tas-serje 999350-999550;
- Sett 2 ta' unitajiet ta' "Smartphone 100" li jissodisfaw il-kriterji għal oġġetti kumplessi *kważi identiċi*: 350 unità; in-numri tas-serje 999550-999900;
- Sett 3 ta' unitajiet ta' "Smartphone 100" li jissodisfaw il-kriterji għal oġġetti kumplessi *kważi identiċi*: 99 unità; in-numri tas-serje 999900-999999;

Għalhekk, skont il-kriterji għar-raggruppament ta' hawn fuq għall-oġġetti kumplessi, kull wieħed minn dawk is-settijiet (inkluż għadd potenzjalment kbir ta' unitajiet individwali) - oġġetti kumplessi *kważi identiċi* - jista' jiġi sottomess għall-bażi ta' *data* tal-SCIP b'notifika waħda billi jiġi attribwit identifikatur primarju uniku tal-oġġett (ID primarja) għal kull sett.

It-tabella hawn taħt turi li, għall-eżempju tal-"ismartphone 100", hemm tliet settijiet ta' kombinamenti possibbli ta' komponenti u sottokomponenti li jinkorporaw oġġetti fihom

infushom b'sustanzi differenti fuq il-Lista ta' Kandidati għall-"ismartphone 100", li jinkludu l-għadd ta' unitajiet individwali elenkati hawn fuq, abbażi tal-informazzjoni miżmuma mill-Kumpanija ZYX. Kull wieħed minn dawn it-tliet settijiet jista' jiġi rrappurtat f'notifika tal-SCIP waħda, li jfisser li jridu jiġu sottmessi lill-ECHA tliet notifiki tal-SCIP biss li jkopru s-649 unità kollha mqiegħda fis-suq mill-Kumpanija ZYX. Biex jissottometti lill-ECHA t-tliet notifiki tal-SCIP meħtieġa mill-Kumpanija ZYX, dan is-sottomittent irid jissettja, għal kull waħda minn dawk in-notifiki tal-SCIP, valur għall-identifikatur primarju speċifiku tal-oġġett kif jidher fit-tabella hawn taħt (bl-aħmar skur).

| **Identifikazzjoni speċifika meħtieġa tas-settijiet ta' "smartphone 100" għan-notifiki tal-SCIP** | | | |
|---|---|---|---|
| **Identifikatur Primarju tal-Oġġett** | **ID Primarja** *(Sett 1)* (200 unità) | **ID Primarja** *(Sett 2)* (350 unità) | **ID Primarja** *(Sett 3)* (99 unità) |
| **Smartphone 100** | **100-1** | **100-2** | **100-3** |
| O Bord ta' Ċirkwit Stampat PCB | PCB-01 | PCB-02 | - |
| Ø Kapaċitatur CAP | CAP-001 | CAP-002 | - |
| - Kuntatt CO | CO-0001 ¶ SVHC 1 | CO-0001 ¶ SVHC 1 | - |
| - Kejsing CA | CA-0002 ¶ SVHC 2 | - | - |
| O Batterija BAT | BAT-03 ¶ SVHC 3 | - | BAT-03 ¶ SVHC 3 |

SVHC = Sustanza ta' tħassib serju ħafna inkluża fil-Lista ta' Kandidati (sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati)
Deskrizzjoni qasira: Kull apparat "smartphone 100" jinkorpora żewġ komponenti, bord ta' ċirkwit stampat PCB u batterija BAT. Il-batterija BAT titqies bħala oġġett skont REACH, jekk il-kompożizzjoni kimika ta' tħassib ikun l-elettrolit. Il-bord ta' ċirkwit stampat PCB huwa oġġett kumpless li jinkorpora kapaċitatur CAP bħala komponent rilevanti (għall-SCIP). Il-kapaċitatur CAP huwa oġġett kumpless b'żewġ komponenti rilevanti (għall-SCIP), il-kuntatt CO u l-Kejsing CA.
Il-batterija BAT-03 hija rilevanti biss għall-200 unità fi ħdan is-Sett 1, b'valur tal-identifikatur primarju tal-oġġett (ID Primarja 100-1), u għad-99 unità fi ħdan is-Sett 3, b'ID Primarja 100-3, minħabba li l-batterija BAT-03 tinkludi sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati, SVHC 3, fl-elettrolit.
Il-bord ta' ċirkwit stampat PCB-01 huwa rilevanti biss għall-200 unità fi ħdan is-Sett 1, b'ID Primarja 100-1, minħabba li jinkorpora l-kapaċitatur CAP-001 li jinkorpora l-kuntatt CO-0001 bis-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati SVHC 1, u jinkorpora l-kejsing CA-0002 bis-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati SVHC 2.
Il-bord ta' ċirkwit stampat PCB-02 huwa rilevanti biss għat-350 unità fi ħdan is-Sett 2, bl-ID Primarja 100-2, minħabba li jinkorpora l-kapaċitatur CAP-002 li jinkorpora l-kuntatt CO-0001 bis-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati SVHC 1.

L-eżempju mogħti għar-"raggruppament" ta' unitajiet ta' oġġetti kumplessi kważi identiċi għall-apparat "smartphone 100" juri li aktarx attwalment hemm spariġġ bejn l-identifikazzjoni komuni tal-apparat magħmula disponibbli jew ikkomunikata lir-riċevituri (ta' dak l-apparat fil-katina ta' provvista) u lill-konsumaturi, meta dawn isiru disponibbli jew jitqiegħdu fis-suq, u l-identifikazzjoni meħtieġa bbażata fuq *data* komuni li trid tiġi sottomessa fin-notifiki tal-SCIP f'termini tal-kompożizzjoni (jiġifieri f'termini ta' komponenti u sottokomponenti b'oġġetti fihom infushom li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati).

Trid tiġi evitata s-sottomissjoni tal-istess *data* bosta drabi għall-bażi ta' *data* tal-SCIP f'każ ta' unitajiet ta' oġġett kumpless li jissodisfaw il-kriterji ta' oġġett kumpless *kważi identiku*, kif elenkati hawn fuq. Id-WFD teħtieġ notifika waħda għal kull oġġett u mhux għal kull unità. Għalhekk, skont il-kriterji stipulati hawn fuq għal oġġetti kumplessi *kważi identiċi*, jekk oġġett kumpless ikollu l-istess kompożizzjoni, f'termini ta' komponenti u sottokomponenti bl-istess oġġetti fihom infushom li jinkludu l-istess sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati, trid tiġi sottomessa notifika tal-SCIP waħda biss għall-unitajiet kollha bl-

istess kompożizzjoni, dment li jiġu inklużi r-rekwiżiti ta' identifikazzjoni kollha meħtieġa (eż. l-identifikatur primarju tal-oġġett u potenzjalment oħrajn).

Biex utenti tal-bażi ta' *data* tal-SCIP (eż. riċevituri u konsumaturi) ikunu jistgħu jidentifikaw liema sett ta' *data* (identifikat mill-identifikatur primarju tal-oġġett fil-bażi ta' *data* tal-SCIP) ikun marbut mal-oġġett kumpless speċifiku (unità tal-prodott) li jkunu jixtiequ jixtru, huwa meħtieġ li l-atturi fil-katina ta' provvista u l-konsumaturi jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-identifikazzjoni meħtieġa tal-oġġett kumpless (jiġifieri l-isem/ismijiet u l-identifikaturi (alfa)numeriċi) li għalih tkun ġiet sottomessa notifika speċifika lill-ECHA. Pereżempju, meta tqiegħed jew tagħmel disponibbli l-apparat "smartphone 100" fis-suq, il-Kumpanija ZYX (fl-Eżempju 3 hawn fuq) trid tinkludi identifikaturi addizzjonali (eż. l-identifikatur primarju tal-oġġett għal kull sett ta' unitajiet koperti mill-istess notifika tal-SCIP) jew tadatta l-identifikaturi kkomunikati fil-katina ta' provvista u lill-konsumaturi; jiġifieri jidher li l-identifikazzjoni tal-unitajiet kollha tal-"ismartphone 100" taħt l-istess marka, mudell u numru tal-barcode (EAN) mhijiex biżżejjed biex utent tal-bażi ta' *data* tal-SCIP jidentifika liema sett ta' *data* f'notifika tal-SCIP (identifikat mill-identifikatur primarju tal-oġġett fil-bażi ta' *data* tal-SCIP) ikun marbut mas-sett ta' unitajiet tal-prodott li jkun jixtieq jakkwista, jikkummerċjalizza jew jixtri.

**Rakkomandazzjoni rigward l-identifikazzjoni disponibbli fil-katina ta' provvista u għall-konsumaturi għal oġġetti kumplessi *kważi identiċi* (bosta jew ħafna unitajiet) sottomessi fl-istess notifika tal-SCIP:**

> Inkorporazzjoni progressiva tal-identifikatur primarju tal-oġġett jew ta' identifikatur speċifiku ieħor inkluż fin-notifika tal-SCIP bħala parti mill-identifikazzjoni ta' oġġetti kumplessi *kważi identiċi* , meta dawn isiru disponibbli jew jitqiegħdu fis-suq, sabiex ikunu disponibbli fil-pront għall-atturi fil-katina ta' provvista u għall-konsumaturi meta jikkonsultaw il-bażi ta' *data* tal-SCIP.

Pereżempju, il-kumpaniji jistgħu jkunu meħtieġa jadattaw progressivament, b'mod xieraq, l-identifikazzjoni ta' dawk l-oġġetti kumplessi (eż. l-isem/ismijiet jew l-identifikaturi (alfa)numeriċi), filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni d-*data* tal-SCIP sottomessa, meta jagħmluhom disponibbli jew iqiegħduhom fis-suq tal-UE.
Din ir-rakkomandazzjoni tippermetti l-identifikazzjoni, fil-bażi ta' *data* tal-SCIP, tal-oġġett kumpless li jinkorpora l-oġġett li jinkludi s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati u li miegħu tkun marbuta l-informazzjoni għall-użu sikur. Hija tiżgura li l-atturi fil-katina ta' provvista u l-konsumaturi kollha, fl-istadju tagħhom, jieħdu dawk il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li jirriżultaw mill-preżenza ta' sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati f'oġġetti, sabiex jiggarantixxu l-użu kompletament sikur minnhom. L-identifikazzjoni tad-*data* marbuta ma' prodott speċifiku mqiegħed fis-suq, potenzjalment ikkomplementata minn azzjonijiet volontarji oħra, tista' tippermetti wkoll li ċerti operaturi tal-iskart (eż. entitajiet ta' żmantellar u atturi ddedikati għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid tal-prodott sħiħ jew ta' ċerti komponenti li jiffunzjonaw) jidentifikaw u jieħdu l-opzjoni effettiva għat-trattament tal-iskart li jinkludi sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati, ladarba l-prodotti jidħlu fl-istadju tal-iskart.
Din ir-rakkomandazzjoni tippermetti wkoll li tintlaħaq wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-bażi ta' *data* tal-SCIP, li hija l-possibbiltà ta' għażliet informati fix-xiri, li għal dan waħda mill-prekundizzjonijiet hija li l-utent tal-bażi ta' *data* jkun jaf identifikatur speċifiku li jippermetti tfittxija fil-bażi ta' *data* tal-SCIP għal prodott speċifiku, u li tintlaħaq konklużjoni dwar il-preżenza jew in-nuqqas ta' preżenza ta' sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati fl-oġġetti inkorporati f'dak il-prodott (oġġett kumpless *kważi identiku*).

### 3.1.4 L-approċċi rrakkomandati mill-ECHA: ir-"raggruppament" ta' oġġetti *kompletament* identiċi, oġġetti *kważi identiċi* u oġġetti kumplessi *kważi identiċi* f'notifika tal-SCIP

L-ECHA **tirrakkomanda biss** ir-"raggruppament" ta' oġġetti *kompletament* identiċi (it-Taqsima 3.1.1), oġġetti *kważi identiċi* (it-Taqsima 3.1.2) u oġġetti kumplessi *kważi identiċi* (it-Taqsima 3.1.3) f'notifika tal-SCIP waħda abbażi tal-kriterji deskritti hawn fuq. Dan jippermetti li jkun hemm tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' notifiki li għandhom isiru (eż. b'fattur ta' bejn 10-100) u għalhekk inaqqas l-impatt fuq l-industrija. Dan jiżgura wkoll li tiġi inkluża *data* aktar sinifikattiva fil-bażi ta' *data* tal-SCIP għall-konsumaturi u l-operaturi tal-iskart, billi r-rappurtar

f'livell granulari wisq (eż. fil-livell ta' unità waħda tal-prodott/fil-livell tan-numru tas-serje) jista' jwassal għal approċċ ta' "depożitu ta' *data*", kif spjegat hawn taħt.

L-ECHA tirrikonoxxi li hemm riskju residwu li anke bir-rakkomandazzjonijiet deskritti f'dan id-dokument għar-"raggruppament",, il-volumi ta' *data* li għandhom jinħażnu u jiġu pproċessati mill-ECHA jistgħu jkunu tant voluminużi li jwasslu għal dewmien fl-ipproċessar.

Il-kriterji stipulati fit-taqsimiet preċedenti għal oġġetti *kompletament* identiċi (it-Taqsima 3.1.1), oġġetti *kważi identiċi* (it-Taqsima 3.1.2) u oġġetti kumplessi *kważi identiċi* (it-Taqsima 3.1.3) f'notifiki tal-SCIP waħdanija jistgħu jitqiesu bħala f'konformità ma' interpretazzjoni stretta tat-test legali u tad-definizzjoni ta' "oġġett", kif ukoll mad-dmirijiet ta' rappurtar skont l-Artikolu 33 ta' REACH u d-WFD, dment li l-elementi korretti għall-identifikazzjoni ta' kull oġġett jew oġġett kumpless (eż. ismijiet u identifikaturi alfanumeriċi) jiġu inklużi fin-notifiki billi jintuża kombinament xieraq ta' ismijiet u identifikaturi alfanumeriċi fil-format tal-SCIP. B'dan il-mod, l-oġġetti kollha jiġu identifikati u nnotifikati, iżda jkunu jistgħu jiġu raggruppati f'notifika waħda.

Minbarra f'każijiet eċċezzjonali għal prodotti bi grad għoli ta' peronalizzazzjoni, bħal ajruplani, tagħmir tal-laboratorju għar-riċerka, ċertu tagħmir għall-kura tas-saħħa u satelliti, ir-rappurtar fil-livell ta' "unità waħda ta' prodott" jew tan-numru tas-serje għandu jiġi evitat għar-raġunijiet li ġejjin:

- Dan kieku jwassal għal ammont enormi ta' multiplikazzjoni tal-istess *data* ("depożitu ta' *data*"), fejn l-utenti tal-bażi ta' *data* jintilfu billi jkun diffiċli li tinsab id-*data* t-tajba fil-livell korrett ta' granularità (eż. tfittxija għal "Smartphone 100" kieku tirritorna għexieren jew mijiet ta' eluf ta' riżultati, minflok bejn 10-100 varjazzjoni possibbli);
- L-approċċ ta' kkuppjar tad-*data* eżistenti kollha mingħajr adattazzjonijiet għal ġol-SCIP tista' tidher "faċli" għal ċertu setturi li diġà għandhom disponibbli ammont kbir ta' *data*, iżda ċertament ma jkunx faċli għall-biċċa l-kbira mis-setturi l-oħra li ma għandhomx dan disponibbli fil-pront. U mingħajr l-adattament tad-deskrizzjonijiet tad-*data*, din ma tkunx tinftiehem għall-utenti esterni. Minflok, id-*data* interna tal-kumpanija għandha tiġi adattata biex tinftiehem mill-konsumaturi u l-operaturi tal-iskart;
- Informazzjoni kummerċjalment sensittiva, bħall-għadd ta' unitajiet mibjugħa fis-suq tal-UE, tista' potenzjalment tiġi rilevata mill-portal għat-tixrid jekk din tiġi rappurtata f'dan il-livell ta' dettall;
- Kieku jinħoloq ukoll volum ta' *data* li ma jkunx jista' jiġi mmaniġġjat għall-bażi ta' *data* tal-SCIP, u l-ħinijiet ta' pproċessar u l-volum tar-riżultati tat-tiftix (eż. tfittxija għal ċertu mudell ta' smartphone tista' tirritorna mitt elf riżultat identiku jew aktar) jirriskjaw li jimminaw l-għanijiet tal-bażi ta' *data*.

Għal dawn ir-raġunijiet, trid tiġi evitata s-sottomissjoni tal-istess *data* bosta drabi għall-ba ta' *data* tal-SCIP għal oġġetti kompletament identiċi (it-Taqsima 3.1.1), oġġetti kwa identiċi (it-Taqsima 3.1.2) u oġġetti kumplessi kważi identiċi (it-Taqsima 3.1.3) permezz ta notifiki tal-SCIP mhux meħtieġa. Id-WFD teħtieġ notifika waħda għal kull oġġett u mhu għal kull unità. Għalhekk, rigward unitajiet ta' oġġetti kumplessi bl-istess kompożizzjon f'termini ta' komponenti u sottokomponenti bl-istess oġġetti fihom infushom li jinkludu istess sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati, trid tiġi sottomessa notifika tal-SCIP waħda bis għal dawk l-unitajiet kollha, skont il-kriterji stipulati fit-Taqsima 3.1.3 għal oġġet kumplessi *kważi identiċi*, bl-inklużjoni tar-rekwiżiti ta' identifikazzjoni meħtieġa kollha (e l-identifikatur primarju tal-oġġett u potenzjalment oħrajn). Jekk jitqies bħala meħtieġ, ECHA tista' tqis l-iskoraġġiment ta' sottomissjonijiet voluminużi bl-istess *data*, li jista' ji evitat billi jintużaw il-kriterji ta' "raggruppament" stipulati fit-Taqsimiet 3.1.1, 3.1.2 u 3.1. permezz ta' mezzi tekniċi.

### 3.1.5 Responsabbiltajiet tal-Istati Membri: traspożizzjoni tal-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD u infurzar

L-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD jestendi d-dmirijiet tal-fornituri ta' oġġetti skont l-Artikolu 33 ta' REACH biex jikkomunikaw, taħt ċerti kundizzjonijiet, informazzjoni dwar il-preżenza ta' sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati fl-oġġetti tagħhom 'l isfel tul il-katina ta' provvista u lill-konsumaturi (fuq talba tagħhom), billi jeħtieġhom jissottomettu dik l-informazzjoni lill-ECHA wkoll.

Il-kriterji stipulati fit-Taqsimiet 3.1.1, 3.1.2 u 3.1.3, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet skont it-Taqsima 3.1.4, huma stabbiliti mill-ECHA fi ħdan l-interpretazzjoni tal-kompitu mogħti lilha mill-Artikolu 9(2) tad-WFD.

Dawn l-obbligi tad-Direttiva jridu jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE, u l-infurzar tagħhom hija r-responsabbiltà ta' dawk l-Istati Membri. Hija wkoll ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li jipprovdu parir jew rakkomandazzjonijiet lill-kumpaniji, u li jinfurzaw l-obbligu ta' notifika tal-SCIP skont id-dritt nazzjonali tagħhom. Għalhekk, hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru individwali tal-UE li jippermetti (jew le) "raggruppament" skont approċċi ta' "raggruppament" aktar estensivi. L-approċċ l-aktar xieraq huwa l-"approċċ tal-oġġett rappreżentattiv", kif inhu deskritt u jidher fl-Appendiċi 2. Dawn l-approċċi jistgħu jitħallew jintużaw mid-detenturi tad-dover f'kull Stat Membru individwali tal-UE f'każijiet ta' eċċezzjoni u ġġustifikati, bħal:

- għal prodotti estremament kumplessi u personalizzati (eż. ajruplani, tagħmir tal-laboratorju għar-riċerka, ċertu tagħmir għall-kura tas-saħħa u satelliti);
- għal ċerti oġġetti kumplessi ħafna (eż. ċertu tagħmir elettroniku, vetturi bil-mutur), temporanjament biss u għar-riskju tal-kumpanija stess, b'mod partikolari jekk ifornu dawn l-oġġetti fi Stati Membri differenti, filwaqt li progressivament jadattaw l-għodod tal-IT għat-traċċar u l-metodi ta' rappurtar tagħhom kemm ikun meħtieġ billi jallinjawhom mal-kriterji għar-raggruppament ta' oġġetti kumplessi *kważi identiċi*.

Dawk l-approċċi, inkluż l-"approċċ tal-oġġett rappreżentattiv" deskritt fl-Appendiċi 2, iqajmu mistoqsijiet dwar il-konformità ma' interpretazzjoni stretta tat-test legali u tad-definizzjoni ta' "oġġett" skont REACH, kif ukoll mad-dmirijiet ta' rappurtar skont l-Artikolu 33 ta' REACH u l-Artikoli 9(1)(i) u 9(2) tad-WFD. Dawn għandhom impatt ukoll fuq l-utilizzabbiltà tad-*data* mill-udjenzi fil-mira tal-bażi ta' *data* tal-SCIP, jiġifieri mill-operaturi tal-iskart u l-konsumaturi. Għal dawn ir-raġunijiet, <u>l-"approċċ tal-oġġett rappreżentattiv"</u> jew <u>approċċi ta' "raggruppament" oħra aktar estensivi</u> <u>mhumiex irrakkomandati mill-ECHA</u>.

## 3.2 Kemm-il saff ta' komponenti u sottokomponenti f'oġġett kumpless irid jiġi rrappurtat f'notifika tal-SCIP ("*ġerarkija*")?

Il-mistoqsija ta' kemm-il saff ta' komponenti u sottokomponenti ta' oġġett kumpless irid jiġi inkluż f'notifika tal-SCIP sabiex tkun possibbli l-identifikazzjoni u l-"post" tal-oġġett li jinkludi sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati ("ġerarkija") hija indirizzata hawn taħt.

Abbażi ta' kunsiderazzjonijiet prattiċi, huwa rrakkomandat bil-qawwa li jiġi inkluż l-għadd ta' saffi li jirriflettu l-inkorporazzjoni tal-oġġetti fis-sottokomponenti, kif ukoll l-inkorporazzjoni tas-sottokomponenti u l-komponenti f'dak l-oġġett kumpless <u>f'kull stadju ta' assemblaġġ</u>. Dan ifisser li jiġu inklużi fin-notifiki tal-SCIP is-saffi meħtieġa billi jiġu segwiti l-komponenti mqiegħda fis-suq u inkorporata f'oġġetti kumplessi f'kull stadju ta' assemblaġġ. Dan l-approċċ huwa rrappreżentat fil-Figura 9, billi jintuża l-eżempju ta' rota (ipotetika) kif jidher fil-Figura 3. Madankollu, din ir-rakkomandazzjoni ma tfissirx neċessarjament li d-detentur tad-dover ma għandux jivvaluta, każ b'każ, l-aqwa approċċ biex jinkludi l-għadd ta' saffi f'notifika tal-SCIP li jippermetti l-identifikazzjoni u l-"post" tal-oġġett li jinkludi sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati fi ħdan oġġett kumpless minn kwalunkwe utent tal-bażi ta' *data* tal-SCIP, b'mod partikolari minn operaturi tal-iskart u konsumaturi.

Billi jiġu segwiti l-komponenti mqiegħda fis-suq u inkorporati f'oġġetti kumplessi f'kull stadju ta' assemblaġġ, huwa possibbli li tiġi inkluża l-informazzjoni għal kull komponent fil-bażi ta' *data* tal-SCIP billi jintużaw l-isem (ir-rekwiżit ta' "isem l-oġġett" fit-Tabella 2 fit-Taqsima 2.1.1) u l-

kategorija tal-oġġett - il-kodiċi NM/TARIC u d-deskrizzjoni (ir-rekwiżit ta' "kategorija tal-oġġett" fit-Tabella 2 fit-Taqsima 2.1.1) - għal kull komponent immuntat f'kull stadju partikolari.

Huwa rrakkomandat li kull fornitur wara kull stadju ta' assemblaġġ jikkomunika din l-informazzjoni lill-konsumaturi, eċċ. Informazzjoni bħal din tiffaċilita t-tħejjija u s-sottomissjoni ta' notifiki tal-SCIP mill-klijenti tagħhom.

L-ECHA żviluppat soluzzjonijiet tekniċi (jiġifieri n-Notifika Ssimplifikata tal-SCIP (SSN) u "Referenzjar" f'notifika tal-SCIP) li jistgħu jintużaw fuq bażi volontarja biex jagħmluha possibbli li fornituri ta' oġġetti (eż. distributuri, "montaturi") jirreferu għad-*data* diġà sottomessa lill-ECHA minn detenturi tad-dover oħra.[46] Dawn l-għodod jiffaċilitaw is-sottomissjoni ta' notifiki tal-SCIP lill-ECHA, filwaqt li jżommu l-konsistenza fl-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa, billi jevitaw rappurtar multiplu tal-istess *data* u b'hekk jillimitaw piż amministrattiv mhux meħtieġ għad-detenturi tad-dover. "Referenzjar" f'notifika tal-SCIP jagħmilha possibbli li montatur jirreferi għall-informazzjoni dwar il-komponenti ta' oġġett kumpless (oġġetti fihom infushom jew oġġetti kumplessi) diġà sottomessa lill-ECHA minn fornitur upstream jew mid-detentur tad-dover innifsu, fin-notifika tal-SCIP tal-oġġett kumpless immuntat tiegħu. Għalhekk, dan jista' jagħti appoġġ qawwi lil dan l-approċċ biex tiġi stabbilita l-"ġerarkija" tul il-katina ta' provvista.

[46] Aktar informazzjoni dwar in-notifika ssimplifikata tal-SCIP (SSN) u r-"Referenzjar" f'notifika tal-SCIP hija disponibbli fuq is-sit web tal-ECHA (il-paġna web tal-SCIP).

**Figura 9: Rappreżentazzjoni tal-approċċ irrakkomandat għall-istabbiliment tal-"ġerarkija" f'notifika tal-SCIP (l-eżempju tar-rota li jidher fil-Figura 3)**



# Appendix 1. Kategoriji ta' materjali fl-SCIP

## A1-1. Introduzzjoni

Dan l-Appendiċi jipprovdi lista ta' kategoriji ta' materjali li għandhom jintużaw meta jiġu sottomessi notifiki tal-SCIP lill-bażi ta' *data* tal-SCIP għar-rappurtar dwar il-materjal li oġġett ikun magħmul minnu, skont ir-rekwiżit ta' "kategorija tal-materjal" stipulat fit-Tabella 6 fit-Taqsima 2.3.1., kif inhu inkluż fil-format tal-SCIP.

Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart 2008/98/KE (WFD) riveduta, fl-Artikolu 9(2) tagħha, tagħti lill-ECHA l-kompitu li tistabbilixxi bażi ta' *data* ta' oġġetti li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati (il-bażi ta' *data* tal-SCIP), u li tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-operaturi tat-trattament tal-iskart u għall-konsumaturi.

Id-"*Dokument informali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 9(1)(i) u 9(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart 2008/98/K*E riveduta" (distribwit lill-CARACAL u l-Grupp ta' Esperti dwar l-Iskart f'Ġunju 2019, ref. Ares(2019)3936110) jiddikjara li "l-informazzjoni rilevanti għall-identifikazzjoni tal-oġġett" u fejn "l-isem, il-firxa tal-konċentrazzjoni u l-post fejn tinsab l-SVHC" ma jkunux biżżejjed, informazzjoni oħra dwar l-użu sikur tal-oġġett, b'mod partikolari informazzjoni disponibbli li tkun rilevanti biex jiġi żgurat immaniġġar xieraq tal-oġġett bħala skart trid tiġi kkomunikata lill-ECHA mill-fornituri ta' oġġetti koperti mill-obbligu stipulat fl-Artikolu 9(1)(i) tad-WFD, minn hawn 'il quddiem imsejħa d-detenturi tad-dover.

Mid-definizzjoni ta' oġġett skont REACH (l-Artikolu 3(3)), oġġetti jistgħu jiġu differenzjati fosthom stess abbażi tal-funzjoni (u l-użu), il-kompożizzjoni kimika u l-forma fiżika (forma, wiċċ jew disinn) tagħhom. Jekk l-oġġetti jkollhom l-istess funzjoni u użu, minbarra karatteristiċi oħra relatati mal-forma, informazzjoni dwar il-materjal li jkunu magħmulin minnu (informazzjoni parzjali dwar il-kompożizzjoni kimika) hija importanti, jekk mhux essenzjali, biex jiġi identifikat oġġett partikolari fl-istadju tal-għażla ta' xiri minn produtturi u montaturi downstream, utenti finali (professjonali u industrijali), u konsumaturi. Pereżempju, l-uċuħ ta' mwejjed tal-uffiċċju għandhom l-istess funzjoni u użu, u jistgħu jiġu differenzjati biss mill-materjal li jkunu magħmulin minnu (eż. plastik tal-PVC, ħġieġ tal-borosilikat, injam) u minn karatteristiċi oħra bħad-dimensjonijiet. Meta l-oġġetti jsiru skart, dawn frekwentement jiġu separati jew magħżula fi flussi bbażati fuq il-materjal mill-utenti finali u l-konsumaturi, u l-iskart jiġi mmaniġġjat u trattat fi ħdan dawk il-flussi mill-operaturi tal-iskart. L-identifikazzjoni tal-materjal li oġġett ikun magħmul minnu tippermetti li l-operaturi tal-iskart jidentifikaw flussi tal-iskart ibbażati fuq il-materjal li jkunu affettwati minn oġġetti li jinkludu sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati. Għalhekk, din l-informazzjoni hija rilevanti għall-operaturi tal-iskart, utenti finali professjonali u industrijali, u konsumaturi.

Għall-istabbiliment tal-bażi ta' *data* tal-SCIP, l-informazzjoni dwar il-materjal li l-oġġett ikun magħmul minnu hija inkorporata bħala rekwiżit obbligatorju (alternattiv) (it-Tabella 6 fit-Taqsima 2.3.1), minħabba li din għandha tkun informazzjoni disponibbli għad-detenturi tad-dover u titqies bħala meħtieġa biex jiġu identifikati u differenzjati l-oġġetti u biex jiġi żgurat immaniġġjar xieraq tal-oġġetti ladarba jsiru skart. Din it-tip ta' informazzjoni normalment tkun parti mir-rekwiżiti tekniċi u ta' kwalità stipulati fi standards għall-prodotti. Din tkun disponibbli għall-produtturi ta' oġġetti fl-UE, minħabba li huma jagħżlu l-materja prima għall-produzzjoni tal-oġġetti tagħhom. Għandha tkun disponibbli wkoll għall-importaturi ta' oġġetti fl-UE u għal fornituri ta' oġġetti downstream. Frekwentement, din l-informazzjoni diġà tkun disponibbli għall-atturi fil-katina ta' provvista u għall-konsumaturi fuq it-tikketti u f'katalogi.

Hemm leġiżlazzjonijiet speċifiċi għall-prodotti u għall-iskart li jużaw kategoriji għall-materjali (eż. materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, il-lista ta' skart skont id-WFD, id-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ), iżda dawn mhumiex armonizzati. Fil-kuntest ta' REACH, il-Kapitolu R.12: Id-deskrizzjoni tal-użu tal-Gwida dwar ir-Rekwiżiti tal-Informazzjoni u l-Valutazzjoni tas-Sigurtà Kimika tinkludi "Kategoriji ta' Oġġetti" (KA) bbażati fuq il-materjal fis-sistema ta' deskritturi tal-użu għad-deskrizzjoni tal-użu ta' sustanzi kimiċi.

It-taqsima li jmiss ta' dan l-Appendiċi tiffoka fuq il-kategoriji ta' materjali globali u s-sottokategoriji rispettivi tal-lista ta' kategoriji ta' materjali li għandhom jintużaw meta jiġu sottomessi notifiki tal-SCIP għall-bażi ta' *data* tal-SCIP (ir-rekwiżit ta' "kategorija tal-materjal" stipulat fit-Tabella 6 fit-Taqsima 2.3.1.). It-Taqsima A1-2 tiffoka fuq ir-rekwiżiti ta' karatteristika/karatteristiċi addizjonali tal-materjal, kif stipulat fl-istess Tabella 6 fit-Taqsima 2.3.1.

Taħlitiet fihom infushom huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-bażi ta' *data* tal-SCIP. Madankollu, kif inhu spjegat fit-Taqsima 2.3.1.3., sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati tista' tiġi inkorporata f'oġġett(i) permezz ta' taħlita li tinkludi dik is-sustanza f'pass ulterjuri fl-ipproċessar ta' dak l-oġġett, jew meta żewġ oġġetti jew aktar jitgħaqqdu jew jiġu mmuntati f'oġġett kumpless. F'dawk il-każijiet, id-detenturi tad-dover għandhom jidentifikaw il-"kategorija tat-taħlit" mis-sistema Ewropea tal-kategorizzazzjoni ta' prodott (EuPCS) li tkun wasslet għall-inkorporazzjoni tas-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati fl-oġġett(i) rrappurtat(i). Dan huwa r-rekwiżit obbligatorju alternattiv għall-"kategorija tal-materjal" (it-Tabella 6 fit-Taqsima 2.3.1). Informazzjoni dettaljata dwar l-EuPCS hija disponibbli fuq is-sit web taċ-Ċentri għal Kontra l-Velenu, għalhekk ir-rekwiżit ta' "Kategorija tat-Taħlit" tal-SCIP huwa eskluż mill-ambitu ta' dan l-Appendiċi.

## A1-2. Kategoriji globali ta' materjali u sottokategoriji

Hemm 11-il kategorija globali ta' materjali elenkati fit-Tabella A1-1 hawn taħt. Is-sottokategoriji tagħhom huma elenkati f'tabelli komplementari fil-"Listi ta' kategoriji ta' materjali u karatteristiċi addizzjonali tal-materjal inklużi fil-format tal-SCIP", aċċessata permezz tal-link ipprovduta fit-Taqsima A1-4. Dawn tfasslu biex jidentifikaw oġġetti abbażi tat-tip ta' materjal li jkunu magħmulin minnu (il-matriċi), u biex jappoġġaw l-immaniġġjar xieraq tal-oġġetti ladarba jsiru skart. Il-korrispondenza bejn dawn il-kategoriji proposti u l-KA fil-Gwida R12 tal-ECHA u t-tipi ta' skart fil-Lista ta' Skart (id-Deċiżjoni 2014/955/UE) tidher ukoll fit-Tabella 1.

Tabella A1-1. Kategoriji globali ta' materjali

| **Kategorija** | **Korrispondenza mal-KA fil-Gwida R12 tal-ECHA** | **Korrispondenza mal-kodiċijiet fuq il-Lista ta' Skart** (eż.) |
|---|---|---|
| 1. Ċeramika | AC4 | 0802, 1012, 1701 |
| 2. Ħġieġ | AC4 | 1011, 1501, 1601, 1702, 1912, 2001 |
| 3. Ġilda u ġild mhux ikkunzat | AC6 | 0401, 200111 |
| 4. Metalli | AC7 | 0201, 0603, 0604, 1003, 1004, 1005, 1006, 1007, 1008, 1101, 1102, 1201, 1501, 1601, 1603, 1608, 1611, 1704, 1910, 1912, 2001 |
| 5. Karta u kartun | AC8 | 0303, 1501, 1901, 1912, 2001 |
| 6. Plastik (u polimeri) | AC13 | 0201, 0702, 1201, 1501, 1601, 1702, 1912, 2001 |
| 7. Lasktu u elastomeri | AC10 | 0702, 1912 |
| 8. Ġebla, materjal tal-kisi u siment | AC4 | 0104, 1012, 1013, 1705, 1912, 2001 |
| 9. Fibri tessili u fibri oħra | (AC5) | 0402, 0702, 1501, 1912, 2001 |
| 10. Injam u sufra | AC11 | 0301, 0302, 0704, 1501, 1702, 1912, 2001 |
| 11. Oħrajn: | AC0 | |

Fis-sottomissjonijiet għall-bażi ta' *data* tal-SCIP, l-informazzjoni minima li trid tiġi rrappurtata għal materjal li oġġett ikun magħmul minnu hija fil-livell tal-kategoriji ta' materjali globali elenkati fit-tabella hawn fuq u s-sottokategoriji sussegwenti, jiġifieri l-Livelli 1 u 2. Speċifikazzjoni ulterjuri tal-materjal skont is-sottokategoriji tal-Livell 3 tiġi pprovduta biss fuq bażi volontarja, jekk tkun disponibbli għas-sottomittent.

Rigward materjali kompożiti, aktar informazzjoni hija pprovduta fil-"Listi ta' kategoriji ta' materjali u karatteristiċi addizzjonali tal-materjal inklużi fil-format tal-SCIP", aċċessata permezz tal-link ipprovduta fit-Taqsima A1-4.

## A1-3. Karatteristiċi addizzjonali tal-materjal rigward il-materjal li oġġett ikun magħmul minnu

Minbarra l-identifikazzjoni tal-kategorija/tas-sottokategorija tal-materjal li oġġett ikun magħmul minnu, id-detentur tad-dover jista' jipprovdi informazzjoni addizzjonali msejħa "karatteristiċi addizzjonali tal-materjal", kif stipulat fit-Tabella 6 fit-Taqsima 2.3.1. Il-lista ta' dawn il-karatteristiċi addizzjonali tal-materjal, kif inklużi fil-format tal-SCIP, tista' tiġi aċċessata permezz tal-link ipprovduta fit-Taqsima A1-4.

## A1-4. Listi ta' kategoriji ta' materjali u karatteristiċi addizzjonali tal-materjal inklużi fil-format tal-SCIP

Il-listi ta' kategoriji ta' materjali u karatteristiċi addizzjonali tal-materjal inklużi fil-format tal-SCIP, kif ukoll eżempji, huma disponibbli fuq: https://echa.europa.eu/documents/10162/6205986/material_categories_for_the_scip_database_mt.pdf/710f3f6d-82c7-e8ec-3e5c-89c462cd7abe?t=1672754397907.

# Appendix 2. L-approċċ ta' oġġett rappreżentattiv għal "raggruppament" ta' oġġetti estremament kumplessi

Il-flessibbiltà tal-format tal-SCIP, li ġie żviluppat biex jakkomoda rappurtar minn varjetà kbira ta' setturi industrijali, tippermetti l-applikazzjoni ta' approċċi ta' "raggruppament" aktar estensivi, li teoretikament jistgħu jnaqqsu b'mod drastiku l-volumi ta' notifiki. Fost dawn l-approċċi ta' "raggruppament" estensivi possibbli, l-ECHA sabet li l-"approċċ ta' oġġett rappreżentattiv" huwa dak l-aktar xieraq. Madankollu, dan mhuwiex irrakkomandat mill-ECHA (ara t-Taqsima 3.1.5).

**L-approċċ ta' oġġett rappreżentattiv**

F'dan l-approċċ, oġġetti f'oġġetti kumplessi b'sustanzi differenti fuq il-Lista ta' Kandidati fil-kompożizzjoni tagħhom jiġu rrappurtati fin-notifika tal-SCIP taħt identifikazzjoni ġenerika għal dawk l-oġġetti kumplessi. Il-komponenti u s-sottokomponenti jiġu rrappurtati f'notifika tal-SCIP taħt isem u identifikatur primarju wieħed. Pereżempju, batteriji jiġu inkorporati f'apparat elettroniku partikolari mill-montatur; jekk subsett minn dawk il-batteriji minn fornitur wieħed ikunu jinkludu s-sustanza 1 fuq il-Lista ta' Kandidati, u subsett ieħor minn dawk il-batteriji, minn fornitur ieħor, ikunu jinkludu s-sustanza 2 fuq il-Lista ta' Kandidati, fin-notifika tal-SCIP il-montatur jista' jirrapporta ż-żewġ subsettijiet ta' batteriji taħt identifikazzjoni waħda għall-batteriji (isem u identifikatur primarju wieħed, u għalhekk notifika waħda), irrispettivament minn jekk il-batterija użata tkunx tappartjeni għal subsett wieħed jew l-ieħor, kif jidher hawn taħt:

- Apparat elettroniku EDZ (identifikatur primarju 110)
  - Batterija BAT-H (identifikatur primarju BAT-H020)
    - Batterija BATZ1 (identifikatur primarju BAT001)
      - Sustanza 1 fuq il-Lista ta' Kandidati
    - Batterija BATW2 (identifikatur primarju BAT002)
      - Sustanza 2 fuq il-Lista ta' Kandidati

F'kull każ, minbarra notifika mill-montatur tal-apparat elettroniku, anke l-produtturi tal-batteriji fl-eżempju ta' hawn fuq ikollhom jagħmlu żewġ notifiki għat-tipi differenti ta' batteriji, jiġifieri għal kull batterija li jkunu qed ifornu lill-montatur tal-apparat elettroniku.

Benefiċċji u żvantaġġi ta' dan l-approċċ:

- Dan inaqqas drastikament l-għadd ta' notifiki li għandhom isiru mill-industrija.
  [eż. rigward l-"ismartphone 100" fl-Eżempju 3 fit-Taqsima 3.1.3, il-kumpanija tkun trid tissottometti notifika waħda għal "Smartphone 100" minflok waħda għal kull kombinament possibbli ta' komponenti differenti li jinkludi SVHC (waħda għal "Smartphone 100-1", waħda għal "Smartphone 100-2", waħda għal "Smartphone 100-3")].
- Dan l-approċċ jeħtieġ li l-industrija toħloq oġġett kumpless ipotetiku (fl-eżempju hawn fuq: "Batterija BAT-H (identifikatur primarju BAT-H020)"). L-informazzjoni li tikkonċerna l-kombinamenti possibbli ta' komponenti u sottokomponenti, eż. minn bosta fornituri jew bosta sorsi, tkun marbuta ma' dan l-oġġett kumpless ("prinċipali") ipotetiku bħala komponenti (fl-eżempju ta' hawn fuq: BATZ1 u BATW2 b'sustanzi differenti fuq il-Lista ta' Kandidati minn fornituri differenti huma marbuta bħala komponenti tal-batterija BAT-H). Għalhekk dan l-approċċ, imqabbel ma' approċċi oħra aktar estensivi, jista' jaħdem bħala inċentiv biex id-*data* tiġi adattata u biex titjieb il-kwalità tagħha rigward il-komponenti u s-sottokomponenti ta' oġġetti kumplessi. Dan jista' jkollu riskju aktar baxx ta' inklużjoni ta' *data* insinifikanti għall-utenti tal-bażi ta' *data*, b'mod partikolari rigward l-identifikazzjoni tal-komponenti, is-sottokomponenti u l-oġġetti fiha.
- Bi tqabbil ma' approċċi ta' "raggruppament" oħra li huma aktar estensivi, dan l-approċċ jippermetti "Referenzjar"[46] bħala opzjoni biex issir referenza għal *data* diġà sottomessa lill-bażi ta' *data* tal-SCIP mill-fornituri upstream (fl-eżempju ta' hawn fuq: il-fornituri tal-

batteriji BATZ1 u BATW2).

- Madankollu, huwa ċar li soluzzjoni bħal din tinvolvi riskji li jistgħu saħansitra jimminaw l-objettivi tal-bażi ta' *data*: eż. l-operaturi tal-iskart u l-konsumaturi jkunu jafu biss li oġġett jew prodott "jista' jinkludi" sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati, iżda ma jkunux 100 % ċerti jekk il-mudell fil-pussess tagħhom jinkludix sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati. Għal bosta setturi tal-operaturi tal-iskart, dan il-livell ta' informazzjoni jista' jkun biżżejjed, iżda dan probabbilment ma jkunx il-każ għal entitajiet ta' żmantellar u operaturi tal-iskart iddedikati għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, li jkunu jeħtieġu informazzjoni dwar oġġetti speċifiċi, mhux oġġetti "rappreżentattivi" ipotetiċi. Dan jista' jdgħajjef ukoll l-objettiv ta' bidla tal-leġiżlatur, biex iqiegħed pressjoni fuq il-ktajjen ta' provvista biex jissostitwixxu jew jittraċċaw b'aktar preċiżjoni l-preżenza ta' sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati f'oġġetti fl-ispirtu tas-sikurezza mid-disinn, anke meta jiġi applikat il-forniment minn diversi sorsi.
- Barra minn hekk, huwa dubjuż jekk soluzzjoni bħal din tibqax f'konformità mat-test legali li jeħtieġ rappurtar fil-livell tal-"oġġett", li kieku jkun jirrikjedi informazzjoni aktar preċiża dwar liema oġġett(i) li jinkludi/jinkludu sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati ikun(u) inkluż(i) fl-oġġett kumpless li jiġi nnotifikat.

**AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI**
**P.O. BOX 400, FI-00121 HELSINKI, FINLAND**
**ECHA.EUROPA.EU**